



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.4.2019  
COM(2019) 164 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-  
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**dwar l-attività tal-EURES minn Jannar 2016 sa Ġunju 2018**

***Imressaq skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2016/589***

## WERREJ

SOMMARJU EŻEKUTTIV .....	4
1. INTRODUZZJONI .....	5
1.1. X'inhum l-EURES? .....	5
1.1.1. Is-servizzi tal-EURES għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi .....	6
1.1.2. Żewġ pilastri: il-Portal tal-EURES dwar il-Mobilità fix-Xogħol u n-netwerk uman .....	6
1.1.3. L-organizzazzjoni tan-netwerk tal-EURES .....	7
1.2. Ir-Regolament tal-2016 .....	7
1.2.1. Għaliex riforma tar-Regolament? .....	7
1.2.2. L-elementi ewlenin u l-iskeda taż-żmien tar-riforma .....	9
2. ATTIVITAJIET EWLENIN TAN-NETWERK TAL-EURES: JANNAR 2016 - ĠUNJU 2018.....	9
2.1. Attivitajiet fil-pajjiżi membri tal-EURES .....	9
2.1.1. Servizzi ta' appoġġ ġenerali għall-ħaddiema u għall-impjegaturi.....	9
2.1.2. Servizzi speċifiċi ta' appoġġ.....	11
2.1.3. Ir-riżorsi u l-governanza .....	14
2.2. Attivitajiet ta' appoġġ orizzontali mill-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni (ECO).....	16
2.2.1. Appoġġ għall-koordinazzjoni u għall-governanza .....	16
2.2.2. It-tħaddim u l-iżvilupp tal-Portal tal-EURES u tas-servizzi tal-IT relatati .....	18
2.2.3. It-taħriġ u l-iżvilupp professjonali .....	18
2.2.4. Helpdesk .....	18
2.2.5. Il-bini ta' netwerk, l-iskambju tal-aħjar prattika u t-tagħlim reċiproku.....	18
2.2.6. Attivitajiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni .....	19
2.2.7. Analiżi tal-mobilità ġeografika u okkupazzjonali .....	20
2.2.8. L-iżvilupp ta' struttura xierqa ta' kooperazzjoni u ta' approvazzjoni għall-apprendistati u għat-traineeships .....	20
2.2.9. Riżorsi finanzjarji .....	20
3. IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT FL-ISTATI MEMBRI.....	22

3.1.	Kompożizzjoni tan-netwerk u materji organizzazzjonali .....	22
3.1.1.	Rekwiżiti tar-Regolament.....	22
3.1.2.	Implementazzjoni .....	22
3.1.3.	Sfidi .....	23
3.2.	Il-governanza u l-interazzjoni ma' organizzazzjonijiet barra min-netwerk tal-EURES .....	23
3.2.1.	Rekwiżiti tar-Regolament.....	23
3.2.2.	Implementazzjoni .....	23
3.2.3.	Sfidi .....	24
3.3.	Ix-xandir tan-netwerk .....	24
3.3.1.	Rekwiżiti tar-Regolament.....	24
3.3.2.	Implementazzjoni .....	24
3.3.3.	Sfidi .....	25
3.4.	Postijiet battala tax-xogħol u skambji tas-CVs .....	25
3.4.1.	Rekwiżiti tar-Regolament.....	25
3.4.2.	Implementazzjoni .....	25
3.4.3.	Sfidi .....	26
3.5.	Servizzi ta' appoġġ .....	26
3.5.1.	Rekwiżiti tar-Regolament.....	26
3.5.2.	Implementazzjoni .....	26
3.5.3.	Sfidi .....	27
3.6.	Skambju ta' informazzjoni, programmazzjoni u kejl tal-prestazzjoni .....	27
3.6.1.	Rekwiżiti tar-Regolament.....	27
3.6.2.	Implementazzjoni .....	27
3.6.3.	Sfidi .....	28
4.	<b>IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT MILL-KUMMISSJONI EWROPEA.....</b>	<b>28</b>
4.1.1.	Rekwiżiti tar-Regolament.....	29
4.1.2.	Implementazzjoni .....	29
4.1.3.	Sfidi .....	30
5.	<b>KONKLUŻJONJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET .....</b>	<b>30</b>
5.1.	Konklużjonijiet.....	30
5.2.	Rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri għall-perjodu ta' rapportar li jmiss .....	31
5.3.	L-azzjonijiet li għandhom jitmexxew 'il quddiem mill-Kummissjoni Ewropea.....	32
	<b>ANNEX – ILLUSTRAZZJONIJIET RILEVANTI .....</b>	<b>33</b>

*SORS: RAPPORT ANNWALI TAL-2017 DWAR IL-MOBILITÀ TAL-FORZA  
TAX-XOGĦOL FI ĦDAN L-UE; UE-LFS 2016, KALKOLU TAL-MILIEU .....36*

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-**Rapport tal-Attività** jipprovdi ħarsa ġenerali lejn in-**netwerk tal-EURES** bejn **Jannar 2016 u Ġunju 2018** kif ukoll **deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali tal-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-EURES (UE) 2016/589 sa Lulju 2018** kif stipulat fl-Artikolu 33 ta' dan ir-Regolament. In-netwerk tal-EURES jikkonsisti f'fornituri tas-servizzi għall-impjiegi u f'organizzazzjonijiet sħab oħra madwar l-Istati Membri tal-UE u taż-ŻEE u l-Iżvizzera bl-għan li jsaħħaħ il-mobilità fost il-ħaddiema u jikseb suq tax-xogħol Ewropew integrat.

Il-**karatteristiċi ewlenin** tan-netwerk tal-EURES jinqasmu fi tnejn. Ta' kuljum, eluf ta' persuni li qed ifittxu impjeg u ta' impjegaturi madwar l-Ewropa jibbenefikaw mis-**servizzi ta' kollokament u ta' tlaqqiġ** permezz tan-netwerk tal-EURES. Il-persunal imħarreġ tal-EURES joffri **servizzi ta' sostenn u gwida** dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol f'pajjiżi Ewropej oħra biex jiffaċilita l-għażliet tal-persuni li qed ifittxu impjeg u tal-impjegaturi.

L-attivitajiet tal-EURES taħt is-sorveljanza tal-Uffiċċji Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (NCOs) jinkludu skemi mmirati tal-mobilità (TMS), bl-għan li jiġu indirizzati l-eċċessi u n-nuqqasijiet speċifiċi ta' ħaddiema. Il-EURES jassisti wkoll lill-ħaddiema u lill-impjegaturi fruntaliera taħt l-umbrella ta' sħubijiet transfruntiera u permezz ta' attivitajiet oħra f'reġjuni transfruntiera.

Fil-livell regolatorju, l-**implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-EURES**, li daħal fis-seħħ fl-2016, tlestiet f'ħafna mill-oqsma. L-NCOs ġew nominati, is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) inhattru bħala Membri tan-netwerks nazzjonali tal-EURES, u twaqqfu sistemi ta' ammissjoni għal Membri u għal Sħab ġodda. Mil-lat tal-IT, l-implimentazzjoni tal-iskambju trasparenti ta' postijiet tax-xogħol battala u ta' CVs bejn il-bażijiet ta' *data* nazzjonali u l-EURES hi kisba importanti biex tiffaċilita t-tlaqqiġ tal-impjiegi fil-livell Ewropew. Il-[Portal tal-EURES](#), immexxi mill-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni (ECO), ta' kuljum iżomm fih 3 miljun offerta tax-xogħol u aktar minn 400,000 CV lesti għat-tlaqqiġ. L-introduzzjoni tal-klassifikazzjoni Ewropea tal-ħiliet, tal-kwalifiki u tal-impjiegi (ESCO) se tkompli tikkontribwixxi għal tlaqqiġ diġitali aħjar tal-impjiegi u għal kollokamenti mmirati f'livell transfruntier. Barra minn hekk, il-governanza tan-netwerk issaħħet permezz ta' għodod ġodda tal-monitoraġġ u tal-prestazzjoni.

L-**isfidi ewlenin** għan-netwerk tal-EURES għadhom it-tlestija tal-implimentazzjoni tal-iskambju tas-CVs u tal-postijiet battala tax-xogħol mal-Istati Membri kollha. L-ammissjoni ta' Membri u ta' Sħab ġodda, li se tippermetti li jitwessa' n-netwerk tal-EURES, u tinkludi atturi privati tal-impjiegi, għadha kif bdiet fl-aħħar tal-perjodu ta' rapportar. Il-bini tas-sinerġiji mal-inizjattivi komplimentari bħall-EUROPASS2 u l-Portal Diġitali Uniku u l-integrazzjoni tal-kooperazzjoni għadhom oqsma importanti li għandhom jiġu żviluppati ulterjorment. L-integrazzjoni aħjar tal-iskemi tal-mobilità u tas-sħubijiet transfruntiera tal-EURES fi ħdan l-istrateġija ġenerali tan-netwerk, b'mod partikolari permezz ta' skambji ta' informazzjoni aktar sistematiki bejn il-Membri u s-Sħab tal-EURES, se toħloq effetti addizzjonali ta' netwerk.

It-**triq 'il quddiem** għan-netwerk tal-EURES tinsab fil-funzjonament tal-EURES bħala netwerk dinamiku b'numru akbar ta' atturi, ta' attivitajiet u ta' servizzi u b'komunikazzjoni msaħħa, inkluż fuq il-midja soċjali. It-tranżizzjoni lejn sistema ġdida ta' skambju tad-*data* għall-postijiet battala tax-xogħol u għas-CVs qabdet sew u bdiet tevolvi f'sistema ta' tlaqqiġ u f'għodda ta' kollokament kompluta. In-netwerk tal-EURES jibni fuq kooperazzjoni msaħħa bejn il-PES u l-Membri u s-Sħab l-oħra tal-EURES li jiltaqgħu b'mod regolari biex jiskambjaw l-aħjar prattiki f'avvenimenti ta' taġlim reċiproku. L-appoġġ iprovvdut mill-ECO, permezz tal-identifikazzjoni ta'

sinerġiji u ta' trikkib fl-attivitajiet tal-EURES ma' inizjattivi Ewropej oħra u permezz tal-gwida u tal-iffaċilitar tan-netwerk, b'mod partikolari permezz tal-portal tal-EURES, huma kruċjali għal integrazzjoni ulterjuri tan-netwerk tal-EURES.

Fit-terminu l-medju, l-attivitajiet ta' koordinazzjoni tal-EURES se jkunu r-responsabilità tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), proposta mill-Kummissjoni f'Marzu 2018 u li kien hemm qbil provviżorju dwarha kemm mill-Parlament Ewropew u kemm mill-Kunsill fi Frar 2019. Dan jinkiseb billi l-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni (ECO) tal-EURES jiġi ttrasferit formalment lill-ELA. Taħt ir-responsabbiltà tal-ELA, l-ECO se jsaħħaħ ir-rwol tal-EURES fil-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ta' mobilità ġusta. Hekk jibbenefika minn struttura operazzjonali komprensiva ddedikata għall-mobilità tal-forza tax-xogħol fl-UE u minn għarfien espert speċjalizzat f'oqsma differenti li jista' jipprovdi ideat dwar sfidi oħra li għandhom jiġu indirizzati, jew dwar approċċi u għodod għal politika innovattiva. Min-naħa tiegħu l-ECO jikkontribwixxi jgħin lill-Awtorità tiffunzjona permezz tal-għarfien espert, in-network u l-għodod tiegħu.

## 1. INTRODUZZJONI

### 1.1. X'inhu l-EURES?

Il-EURES hu **netwerk kooperattiv** bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Membri u s-Sħab, bħas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES), fil-pajjiżi tal-UE kollha u fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein, fin-Norveġja u fl-Iżvizzera (minn hawn 'il quddiem imsejja: "il-pajjiżi membri tal-EURES"). Mindu tnieda fl-1994, il-EURES għen lin-nies jibbenefikaw minn wieħed mill-prinċipji li huma l-pedament tal-Unjoni Ewropea: **il-moviment liberu tal-ħaddiema**. Il-EURES jipprovdi medda unika ta' servizzi ta' informazzjoni u tal-impjiegi lil persuni li qed ifittxu impjeg u lil impjegaturi interessati f'opportunitajiet tax-xogħol jew fir-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjeg madwar l-Ewropa kollha<sup>1</sup>.

Fl-2016, ir-**Regolament il-ġdid (UE) 2016/589 dwar il-EURES** daħal fis-seħħ bl-għan li jgħoqq netwerk akbar u aktar b'saħħtu ta' servizzi tal-impjiegi Ewropej, kemm pubbliċi kif ukoll privati, biex jipprovdu skambju aktar effiċjenti ta' informazzjoni dwar is-sug tax-xogħol b'mod transfruntier biex isostni l-kollokamenti f'impjeg madwar iż-żona tal-UE/taż-ŻEE<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> Nota: It-termini "ħaddiema" u "impjegati" jintużaw bħala sinonimi f'dan ir-rapport. Barra minn hekk, "[il-]Qorti tal-Ġustizzja saħqet li l-libertà tal-moviment tal-ħaddiema li tinsab fl-Artikolu 45 TFUE timplika wkoll ċerti drittijiet għal ċittadini ta' Stati Membri li jimirħu fi ħdan l-Unjoni għall-finijiet ta' tfittxija ta' impjeg. Il-kunċett ta' "ħaddiem" għandu għalhekk, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jinftehem li jkopri persuni li qed ifittxu xogħol, irrispettivament minn jekk humiex attwalment f'relazzjoni ta' impjeg." (Ir-Regolament (UE) 2016/589, il-Premessa 7).

<sup>2</sup> L-objettivi tan-Netwerk tal-EURES huma stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/589.

### 1.1.1. Is-servizzi tal-EURES għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi

- L-għoti ta' għajnuna lill-persuni li qed ifittxu impjieg **biex isibu impjieg** u lill-impjegaturi biex **isibu l-kandidati** minn madwar l-Ewropa;
- **It-tlaqqigħ** tal-postijiet battala tax-xogħol u tas-CVs fuq il-Portal tal-EURES dwar il-Mobilità fix-Xogħol;
- **Informazzjoni, gwida** u servizzi oħra ta' appoġġ għall-mobilità fix-xogħol għall-ħaddiema u għall-impjegaturi;
- **Assistenza ta' wara r-reklutaġġ;**
- Aċċess għal informazzjoni dwar l-aspetti tal-**kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol** bħat-taxxa, il-pensjonijiet, l-assigurazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà soċjali fil-pajjiżi membri tal-EURES;
- Servizzi ta' appoġġ speċifiċi għall-ħaddiema fruntaliera u għall-impjegaturi f'**reġjuni transfruntiera**;
- Appoġġ għal gruppi speċifiċi fil-kuntest tal-**iskemi tal-mobbiltà mmirata** relatati mal-EURES;
- Il-promozzjoni ta' **opportunitajiet għaż-żgħażaġh** fost l-oħrajn permezz ta' **Drop'pin@EURES**;
- Appoġġ għal avvenimenti dinamiċi ta' reklutaġġ permezz tal-pjattaforma **European Online Job Days (EOJD)**.

### 1.1.2. Żewġ pilastri: il-Portal tal-EURES dwar il-Mobilità fix-Xogħol u n-netwerk uman

Il-EURES jagħmel parti essenzjali mill-istruttura ta' sostenn tas-suq tax-xogħol li l-UE żviluppat tul l-aħħar deċennji biex ittejjeb il-prestazzjoni soċjali u ekonomika tagħha. In-netwerk jiffoka fuq il-provvista ta' **informazzjoni** u ta' **gwida għat-tlaqqigħ u għall-kollokament** għal dawk interessati li jaħdmu f'pajjiżi membri oħra tal-EURES, u għal impjegaturi li huma interessati fir-reklutaġġ ta' impjegati minn pajjiżi membri oħra tal-EURES. Dan jipprovdi s-servizzi tiegħu permezz ta' żewġ kanali komplimentari – il-Portal tal-EURES u n-netwerk tal-persunal tal-EURES madwar l-Ewropa.

#### 1.1.2.1. Il-Portal tal-EURES dwar il-Mobilità fix-Xogħol

Il-EURES regolarment ikun fost l-aktar ħames siti web li jżuruhom nies fid-dominju europa.eu. Fl-2017 weħida, is-sit web tal-EURES irċieva total ta' 14,880,000 żjara u 48,350,000 viżwalizzazzjoni. Fi kwalunkwe jum partikolari, ikun hemm disponibbli madwar 3 **miljun impjieg** u kważi **400,000 CV ta' persuni li qed ifittxu impjieg**<sup>3</sup> fuq il-Portal tal-EURES dwar il-Mobilità fix-Xogħol. Dawn in-numri żdieđu b'mod kostanti tul il-perjodu ta' rapportar fil-kategoriji kollha. Minn Ġunju 2017 sa Ġunju 2018, fuq il-Portal tal-EURES kien hemm żieda fir-reġistrazzjoni ta' 30% għall-impjegaturi u ta' 20% għall-persuni li qed ifittxu impjieg.

Il-Portal tal-EURES jipprovdi **self-service mingħajr ħlas** għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi li jirreġistraw biex isibu impjieg jew kandidat. Kemm l-impjegaturi kif ukoll il-persuni li qed ifittxu impjieg jistgħu jstabbilixxu kontijiet li jippermettulhom jużaw il-funzjonijiet ta' tfittix u ta' tlaqqigħ fuq il-portal, joħlqu u jaħżnu profili tat-tfittix, u jirċievu avviżi bil-posta elettronika.

<sup>3</sup> Il-Portal tal-EURES, disponibbli fuq: <https://ec.europa.eu/eures/public/mt/homepage>

### 1.1.2.2. In-netwerk uman tal-EURES

Netwerk ta' aktar minn **1,000 membru tal-persunal tal-EURES<sup>4</sup>** mit-**32 pajjiż membru tal-EURES** jipprovdi pariri mfassla apposta dwar il-karrieri u r-reklutaġġ, appoġġ għat-tfittix ta' impjieg u għar-reklutaġġ, u informazzjoni dwar ir-regoli rilevanti bħall-arranġamenti tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa f'pajjiżi membri oħra tal-EURES, kif ukoll assistenza ta' wara r-reklutaġġ, pereżempju korsijiet fil-lingwa.

#### 1.1.3. *L-organizzazzjoni tan-netwerk tal-EURES*

Kull pajjiż membru tal-EURES jagħżel **Uffiċċju Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (NCO)**, li ġeneralment ikun konness mal-PES jew mal-Ministeru tax-Xogħol. Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjieg, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni Ewropea (DĠ EMPL) jospita l-**Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni (ECO)**, li jipprovdi appoġġ orizzontali lill-NCOs. Flimkien, l-NCOs u l-ECO jikkostitwixxu l-**Grupp Ewropew għall-Koordinazzjoni (ECG)** tan-netwerk tal-EURES.

Il-Membri u s-Sħab tal-EURES huma l-organizzazzjonijiet li jwettqu l-attivitajiet operazzjonali fi ħdan in-netwerk tal-EURES. Fin-netwerk tal-EURES, il-Membri jridu jwettqu l-kompiti kollha li ġejjin filwaqt li s-Sħab iridu jwettqu tal-anqas wieħed minnhom:

- Jikkontribwixxu għall-ġabra ta' postijiet battala tax-xogħol billi jibagħtu *data* lill-Portal tal-EURES u lill-pjattaforma tal-IT;
- Jikkontribwixxu għall-ġabra ta' profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg billi jibagħtu *data* lill-Portal tal-EURES u lill-pjattaforma tal-IT;
- Jipprovdu servizzi ta' appoġġ direttament lill-persuni li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi.

## 1.2. Ir-Regolament tal-2016

### 1.2.1. *Għaliex riforma tar-Regolament?*

Sa mid-deċiżjoni inizjali tal-Kummissjoni li waqqfet il-EURES<sup>5</sup>, in-netwerk għadda minn riforma kontinwa biex jadatta għas-suq tax-xogħol li jinbidel bla heda. Ir-Regolament il-ġdid (2016/589) dwar il-EURES jipprovdi l-pedamenti għat-**tisħiħ tan-netwerk** billi jtejjeb l-aċċessibbiltà tal-postijiet battala tax-xogħol, jibni l-pedament għall-iskambju ta' CVs bejn l-organizzazzjonijiet Membri u Sħab u l-Portal tal-EURES u jipprovdi appoġġ imtejjeb għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi li jfittxu opportunitajiet transfruntiera.

L-objettiv tar-Regolament il-ġdid hu li **jsaħħaħ it-trasparenza** permezz ta' żieda fin-numru ta' impjiegi rreklamati fuq il-Portal tal-EURES, itejjeb it-**tlaqqigħ online** tal-postijiet battala tax-xogħol u tas-CVs, jipprovdi **pakkett minimu maqbul ta' servizzi**

---

<sup>4</sup> F'dan ir-rapport, "membri tal-persunal tal-EURES" tfisser persunal involut b'mod dirett jew indirett fil-provvista ta' servizzi u ta' attivitajiet oħra tan-netwerk tal-EURES skont ir-Regolament (UE) 2016/589 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

<sup>5</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/569/KEE tat-22 ta' Ottubru 1993 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 dwar il-moviment liberu għall-ħaddiema fil-Komunità f'dak li għandu x'jaqsam, b'mod partikulari, man-network intitolata Eures (Servizzi tax-Xogħol Ewropej).



għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi u jestendi l-**medda ta' servizzi tal-impjegi diġitali** fuq il-Portal tal-EURES.

### 1.2.2. L-elementi ewlenin u l-iskeda taż-żmien tar-riforma

Ir-Regolament il-ġdid, li daħal fis-seħħ fit-12 ta' Mejju 2016, hu appoġġjat minn sitt deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni<sup>6</sup> li jiżguraw implimentazzjoni uniformi madwar l-Istati Membri. L-ewwel passi tal-implimentazzjoni kienu l-ħatra tal-NCOs u tal-PES bħala Membri tal-EURES, kif ukoll l-istabbiliment tal-ECG fl-2016.

Ir-Regolament stabbilixxa t-13 ta' Mejju 2018 bħala l-iskadenza għall-pajjiżi membri tal-EURES biex iniedu s-**sistema uniformi ta' skambju** bl-għan li jkunu jistgħu **jaqsmu l-offerti tax-xogħol kollha**<sup>7</sup> – inklużi l-apprendistati u t-traineeships – li huma disponibbli mill-PES u minn organizzazzjonijiet oħra Membri tal-EURES fuq il-Portal tal-EURES kif ukoll CVs, dment li l-persuni li qed ifittxu impjieg ikunu qablu mat-trażmissjoni tad-*data* personali tagħhom. L-istess skadenza għet applikata għat-twaqqif tas-**sistemi ta' ammissjoni** fil-pajjiżi membri tal-EURES li jippermettu lil organizzazzjonijiet bħas-servizzi privati tal-impjegi jew organizzazzjonijiet ta' setturi terzi biex jissieħbu fin-netwerk tal-EURES bħala Membri jew Sħab. Finalment, ir-Regolament jeħtieġ li fl-2018 u fl-2020 jitħejjew ir-**rapporti dwar l-attivitajiet tan-netwerk** u fl-2021 tiġi sottomessa evalwazzjoni “ex post”.

## 2. ATTIVITAJIET EWLENIN TAN-NETWERK TAL-EURES: JANNAR 2016 - ĠUNJU 2018

### 2.1. Attivitajiet fil-pajjiżi membri tal-EURES

#### 2.1.1. Servizzi ta' appoġġ ġenerali għall-ħaddiema u għall-impjegaturi

##### 2.1.1.1. Attivitajiet ta' tlaqqiġ u ta' kollokament

Il-pajjiżi membri kollha tal-EURES jipprovdu informazzjoni u appoġġ rigward il-mobilità fix-xogħol fl-Ewropa għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi u

---

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1255 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar mudell għad-deskrizzjoni tas-sistemi u l-proċeduri nazzjonali biex idaħħlu organizzazzjonijiet bħala Membri u Sħab tal-EURES.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1256 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-mudelli u l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-programmi ta' ħidma nazzjonali tan-netwerk EURES fil-livell tal-Unjoni.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1257 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar l-istandards u l-formati tekniċi meħtieġa għal sistema uniformi li tippermetti t-tqabbil ta' postijiet tax-xogħol battala ma' applikazzjonijiet għax-xogħol u CVs fuq il-portal EURES.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/170 tat-2 ta' Frar 2018 dwar l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati uniformi għall-ġbir u għall-analiżi tad-dejta sabiex jiġi mmonitorjat u evalwat il-funzjonament tan-netwerk tal-EURES.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1020 tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-adozzjoni u l-aġġornament tal-lista ta' ħiliet, kompetenzi u okkupazzjonijiet tal-klassifikazzjoni Ewropea għall-fini tat-tlaqqiġ awtomatizzat permezz tal-pjattaforma komuni tal-IT tal-EURES.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1021 tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-adozzjoni ta' standards u formati tekniċi meħtieġa għall-operazzjoni tat-tlaqqiġ awtomatizzat permezz tal-pjattaforma komuni tal-IT bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi nazzjonali u l-klassifikazzjoni Ewropea.

<sup>7</sup> L-Istati Membri jistgħu jeskludu offerti tax-xogħol “*li minħabba n-natura tagħhom jew ir-regoli nazzjonali, huma miftuħa biss għaċ-ċittadini ta' pajjiż speċifiku*”, “*relatati ma' kategoriji ta' apprendistati u traineeships li, peress li jkun fihom aspekk ta' taġlim, huma parti mis-sistemi edukattivi nazzjonali jew li huma ffinanzjati b'mod pubbliku, bħala parti mill-politiki attivi tal-Istat Membru favur is-suq tax-xogħol*” u “*postijiet tax-xogħol battala oħra, bħala parti mill-politiki attivi ta' Stat Membru favur is-suq tax-xogħol*”, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2016/589.

jorganizzaw avvenimenti ta' reklutaġġ, b'kooperazzjoni msaħħa bejn l-uffiċċji tal-EURES.

Il-persunal tal-EURES joffri lill-persuni li qed ifittxu impjeg assistenza fit-tfassil tas-CVs u tal-applikazzjonijiet għax-xogħol tagħhom u jgħin lill-impjegaturi jabbozzaw ir-rekwiżiti u l-postijiet battala tax-xogħol. Biex ifornu dan is-servizz, il-konsulenti tal-EURES madwar in-netwerk daħlu f'kuntatt ma' 696,514-il persuna li qed tfittex impjeg u ma' 111,636 impjegatur fl-2017<sup>8</sup>. Skont l-informazzjoni li rċieva l-persunal tal-EURES, l-attivitajiet ta' dan irriżultatw f'madwar 30,000 kollokament madwar in-netwerk tal-EURES fl-2016<sup>9</sup>. Bis-saħħa tad-dispożizzjoni dwar il-ġbir tad-*data* fir-Regolament dwar il-EURES (Art. 32), fil-futur ser ikun possibbli li jsir rapportar aktar preċiż.

Jiġu organizzati avvenimenti ta' tlaqqiġ biex jitlaqqgħu flimkien impjegaturi u persuni li qed ifittxu impjeg u jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ b'mod transfruntier. Il-**persunal tal-EURES mill-pajjiżi tad-destinazzjoni** ġeneralment ikun mistieden jipprovdi offerti tax-xogħol u informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja. Bħala servizz addizzjonali ta' appoġġ għall-impjegaturi, il-persunal tal-EURES jista' **jgħarbel is-CVs** biex jagħmel preselezzjoni tal-kandidati bil-ħiliet xierqa għall-intervisti, eż. f'avvenimenti ta' "job dating".

Format speċifiku ta' avvenimenti ta' tlaqqiġ hu l-**Jiem Ewropej tal-Impjeg**, li jiġbru impjegaturi u persuni li qed ifittxu impjeg minn diversi pajjiżi membri tal-EURES **kemm online kif ukoll fuq il-post**. Sbatax-il pajjiż kienu involuti fl-24 avveniment organizzati fl-2017, li kważi 21,500 persuna li qed ifittxu impjeg u aktar minn 1,100 kumpanija attendew għalihom, filwaqt li offrew ferm aktar minn 10,000 impjeg. Saru sittax-il avveniment bħal dan fl-ewwel nofs tal-2018.

Tingħata attenzjoni lill-**irbit tal-attivitajiet tal-EURES mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol** biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet settorjali u tal-ħiliet prijoritarji. Iggwidati mill-ħsieb li jiġu indirizzati l-ostakli għall-mobilità fil-kuntest tal-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-UE/taż-ŻEE, ċerti avvenimenti ta' reklutaġġ tal-EURES **huma mmirati** lejn il-ħtiġijiet u l-possibbiltajiet f'**setturi speċifiċi**, b'mod partikolari meta jkun hemm nuqqas okkupazzjonali rikonoxxut f'pajjiż riċevitur potenzjali u eċċess ta' ħaddiema f'ieħor. Is-setturi fejn l-akbar numru ta' pajjiżi jesperjenzaw ħtiġijiet ta' tlaqqiġ u ta' kollokament huma t-turiżmu u l-ospitalità<sup>10</sup> – żewġ oqsma fejn il-ħiliet f'lingwi barranin huma ta' importanza partikolari. Setturi oħra fejn livelli għolja ta' tlaqqiġ jitwettqu permezz tal-EURES jinkludu t-trasport, is-saħħa, il-kostruzzjoni, l-ingerinerija u l-ICT u impjiegi stagionali fl-agrikoltura.

#### 2.1.1.2. Informazzjoni u gwida

Informazzjoni rilevanti dwar is-suq tax-xogħol hi aċċessibbli permezz tal-Portal tal-EURES, bil-pajjiżi membri tal-EURES li regolarment **jaġġornaw l-informazzjoni ġenerali** dwar is-swieq tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol tagħhom f'26 lingwa. Barra minn hekk, tal-anqas erbatax-il pajjiż għandhom is-**sit web nazzjonali**

<sup>8</sup> *Data* mit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku tal-EURES, 2017: [http://ec.europa.eu/internal\\_market/scoreboard/docs/2018/eures/2018-scoreboard-eures\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/internal_market/scoreboard/docs/2018/eures/2018-scoreboard-eures_en.pdf).

<sup>9</sup> Sal-2017, in-numru ta' kollokamenti kien jiġi rrapportat mill-konsulenti tal-ERES fuq bażi volontarja (madwar 50-60% tar-rapportar kollu) u l-konsulenti tal-EURES mhumieħ informati b'mod sistematiku dwar kollokamenti minn persuni li qed ifittxu impjeg jew minn impjegaturi.

<sup>10</sup> Iċ-Ċiklu ta' Programmazzjoni tal-EURES, Valutazzjoni tar-Rapporti Nazzjonali tal-Attività tal-2016 u tal-2017.

**tal-EURES** tagħhom stess ukoll fejn il-persuni li qed ifittxu impjieg u l-impjegaturi jistgħu jsibu l-informazzjoni dwar il-mobilità fix-xogħol li jeħtieġu, parti minnha tradotta f'diversi lingwi.

Eżempji ta' informazzjoni u ta' attivitajiet ta' gwida għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi pprovduti min-netwerk tal-EURES jinkludu skedi informattivi u soluzzjonijiet diġitali fuq is-siti web nazzjonali tal-EURES dwar l-arranġamenti tax-xogħol, tas-saħħa, amministrattivi jew relatati mat-taxxa fil-pajjiż tad-destinazzjoni. L-NCOs jorganizzaw **sessjonijiet ta' ħidma** wkoll, pereżempju biex jgħallmu lill-persuni li qed ifittxu impjieg kif jippreżentaw CV lill-impjegaturi f'pajjiżi speċifiċi. B'mod simili, l-appoġġ mill-konsulenti tal-EURES lill-impjegaturi tipikament ikun relatat mal-abbozzar tad-deskrizzjonijiet tal-postijiet battala tax-xogħol biex jattiraw lil ħaddiema b'ħiliet xierqa minn barra l-pajjiż.

### 2.1.2. *Servizzi speċifiċi ta' appoġġ*

#### 2.1.2.1. *Servizzi ta' appoġġ f'reġjuni transfruntiera*

Skont ir-Regolament il-ġdid dwar il-EURES, il-Membri u s-Sħab tal-EURES involuti fi Sħubijiet Transfruntiera (CBPs) jew fi strutturi oħra ta' kooperazzjoni u ta' servizz (inkluż ma' organizzazzjonijiet barra min-netwerk tal-EURES) jipprovdu informazzjoni kif ukoll servizzi ta' kollokament u ta' reklutaġġ imfassla apposta għar-rekwiżiti u għaċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-ħaddiema fruntaliera u tal-impjegaturi f'reġjuni transfruntiera<sup>11</sup>.

Dawn is-CBPs jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju f'sejħiet annwali skont il-programm EaSI<sup>12</sup>. L-appoġġ mill-EaSI hu disponibbli wkoll għat-twaqqif ta' CBPs ġodda jew għall-implimentazzjoni ta' miżuri innovattivi ġodda. Fl-2016, **12-il CBP** ingħataw appoġġ permezz ta' għotja tal-EaSI mis-sena ta' qabel. Fl-2017 u fl-2018, **9 CBPs** offrew servizzi ta' appoġġ u kollokamenti fir-reġjuni transfruntiera, fuq il-bażi ta' għotjiet tal-EaSI mogħtija s-sena ta' qabel.

Is-servizzi ta' appoġġ fir-reġjuni transfruntiera tal-EURES jikkonsistu f'servizzi ta' informazzjoni u f'offerta tax-xogħol multilingwi. Dawn is-servizzi jġu pprovduti permezz ta' soluzzjonijiet fiżiċi u b'**punti uniċi ta' servizz** dejjem aktar virtwali. L-informazzjoni pprovduta hi relatata ma' kwistjonijiet bħall-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, il-provvedimenti għat-trasport ta' kuljum, ir-rikonossiment tal-kwalifiki u t-tassazzjoni. L-attivitajiet ta' kollokament u ta' reklutaġġ wasslu biex kważi 4,400 persuna li qed tfitteż impjieg sabu impjieg transfruntier wara kuntatt individwali ma' servizzi relatati mal-EURES fl-2016 u fl-2017<sup>13</sup>.

#### 2.1.2.2. *Assistenza ta' wara r-reklutaġġ*

L-assistenza ta' wara r-reklutaġġ għandha l-għan li tiżgura l-**aħjar integrazzjoni**

<sup>11</sup> Kif stabbilit fl-Artikolu 3(7) tar-Regolament (UE) Nru 2016/589.

<sup>12</sup> Id-*data* u r-rapporti ta' monitoraġġ huma disponibbli biss għas-sħubijiet transfruntiera li jirċievu finanzjament skont l-Assi tal-EURES tal-EaSI. Bħala indikazzjoni 11-il CBP għamli dan b'suċċess fil-perjodu tal-baġit tal-2014 tal-UE (VP/2014/011), 12 fil-perjodu tal-baġit tal-2015 tal-UE (VP/2015/008), 10 fil-perjodu tal-baġit tal-2016 tal-UE (sejħa għal propositi VP/2016/005), u 9 fil-perjodu tal-baġit tal-2017 tal-UE (VP/2017/006).

<sup>13</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Sħubijiet Transfruntiera tal-EURES, L-Ewwel Rapport ta' Monitoraġġ (2016) u t-Tieni Rapport ta' Monitoraġġ (2017).

**possibbli tal-ħaddiema mobbli** fil-karigi l-ġodda tagħhom. Filwaqt li ħafna mill-pajjiżi membri tal-EURES jiffokaw fuq il-provvista ta' informazzjoni lill-ħaddiema u lill-impjegaturi qabel l-iffirmar ta' kuntratt tax-xogħol, numru minnhom jorganizzaw ukoll attivitajiet ta' wara r-reklutaġġ. Pereżempju, il-EURES Italja jopera **bażi ta' data ta' segwitu** biex jiżgura li l-kollokamenti jirrispettaw bis-sħiħ l-istandards tax-xogħol applikabbli. Fl-2016 ġew riċevuti kważi 7,000 talba mingħand ħaddiema għall-valutazzjoni tal-każ tagħhom<sup>14</sup>.

#### 2.1.2.3. L-appoġġ għaż-żgħażaġh – apprendistati u traineeships

Diversi attivitajiet u programmi żviluppatti fi ħdan in-netwerk tal-EURES jiffokaw b'mod speċifiku fuq iż-**żgħażaġh**. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2012<sup>15</sup>, l-Istati Membri u l-Kummissjoni ġew mistiedna jkomplu jiżviluppaw il-portal tal-EURES u biex jeżaminaw il-possibbiltà li jestenduh għal apprendistati u għal traineeships. Għal dak l-għan, l-apprendistati u t-traineeships issa huma koperti taħt dan ir-Regolament dwar il-EURES sa fejn l-applikanti magħżula jkunu soġġetti għal relazzjoni tax-xogħol. L-offerti tat-tali apprendistati u traineeships diġà huma inklużi fl-iskambju ta' postijiet battala tax-xogħol fuq il-portal tal-EURES b'6,567 offerta għal apprendistati u 1,859 offerta għal traineeships disponibbli fi tmiem il-perjodu ta' rapportar<sup>16</sup>.

Barra minn hekk, il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet jistgħu juru b'mod dirett l-opportunitajiet għaż-żgħażaġh li għandhom disponibbli permezz ta' self-service fit-taqsimha **Drop'pin@EURES** tal-Portal tal-EURES. B'kollox bħalissa hemm 2,092 opportunità minn 501 kumpanija offruti fi 32 qasam ta' attività li jvarjaw mill-inġinerija sal-ħiliet u l-iżvilupp personali<sup>17</sup>. L-ECO jinsab fil-proċess li jkompli jiffaċilita l-għbir u l-wiri tal-offerti għal apprendistati u għal traineeships fuq il-portal. L-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet imfassla apposta se jagħmilha eħfef għall-partijiet ikkonċernati biex jissenjalaw l-offerti tagħhom stess u jfittxu dawk ta' oħrajn. Din il-funzjoni l-għdida hi mistennija li tiġi implimentata fl-2019.

#### 2.1.2.4. Skemi mmirati tal-mobilità relatati mal-EURES

Il-EURES għandu wkoll l-għan li jilħaq lil **gruppi speċifiċi ta' persuni li qed ifittxu impjieg** u jgħin biex jimtlew il-**postijiet battala tax-xogħol f'setturi speċifiċi**. Għal dak l-għan, l-attivitajiet tal-EURES jistgħu jkunu komplimentari għall-**iskemi mmirati tal-mobilità** (TMS) tal-UE, jew integrati mat-tali skemi, li huma ffinanzjati permezz tal-Programm tal-UE **għall-Impjegi u l-Innovazzjoni Soċjali** (EaSI) li jfittxu li jittestjaw modi innovattivi kif jingħata sostenn lill-mobbiltà transfruntiera fix-xogħol jew jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' gruppi fil-mira speċifiċi.

**L-ewwel impjieg EURES tiegħek (YfEJ)** joffri appoġġ liż-żgħażaġh ta' taħt il-35 sena fi ftittix madwar l-Ewropa għal impjieg, għal traineeship jew għal apprendistat, u lil impjegaturi li jfittxu lil żgħażaġh b'ħiliet xierqa fost il-pajjiżi membri tal-EURES. Bejn l-2016 u nofs l-2018, **erba' pajjiżi** (Franza, il-Ġermanja, l-Italja u l-Iżvezja) wettqu l-ewwel proġetti tal-Ewwel Impjieg EURES Tiegħek. Ir-rapporti jindikaw qabel kollox li l-persuna tipika li tfittex impjieg ikollha bejn it-23 u s-26 sena u temmet l-edukazzjoni

<sup>14</sup> Rapport tal-Attività Nazzjonali Italja 2016.

<sup>15</sup> Il-Kunsill Ewropew, Konklużjonijiet, it-28-29 ta' Ġunju 2012. Disponibbli fuq: [http://europa.eu/rapid/press-release\\_DOC-12-8\\_en.htm](http://europa.eu/rapid/press-release_DOC-12-8_en.htm).

<sup>16</sup> Kif imkejla fuq il-portal tal-EURES fit-23 ta' Awwissu 2018.

<sup>17</sup> Idem.

għolja jew għadha fl-edukazzjoni u, it-tieni, li aktar minn nofs (52%) tal-persuni li jfittxu impjieg kienu qiegħda fi żmien il-kollokament. Aktar minn 80% minn dawk li sabu impjieg f'pajjiż ieħor permezz tal-iskema diġà kienu ħadmu fil-pajjiż ta' residenza tagħhom, filwaqt li 28 % biss minnhom kienu ħadmu barra pajjżhom. L-impjegaturi jinkludu kemm kumpaniji kbar kif ukoll SMEs.

L-aktar **pajjiżi tat-tluq** importanti tul il-perjodu kienu l-Italja, l-Irlanda, Franza u Spanja. Il-**pajjiżi u s-setturi riċevituri ewlenin** huma l-Ġermanja għas-saħħa umana u għall-ħidma soċjali; ir-Renju Unit għall-edukazzjoni u Franza għall-kollokamenti fl-ICT<sup>18</sup>. Filwaqt li **saru aktar minn 3,000 kollokament**, bejn l-2016 u l-ewwel nofs tal-2017 intlaħqu biss bejn 15% sa 26% mill-miri inizjali ta' kollokament għall-programmi differenti<sup>19</sup>. Minkejja dan, kważi 1,200 kollokament għal impjieg, għal traineeships u għal apprendistati nkisbu fit-tieni nofs tal-2017 waħdu<sup>20</sup>, li jindika użu akbar tal-iskema. Ħafna miż-żgħażaġh li ħadu sehem fl-iskema kienu impjegati b'kuntratt regolari tax-xogħol u numru żgħir biss daħlu f'apprendistati jew fi traineeships.

**Reactivate** hi skema tal-mobilità fix-xogħol intra-UE għal ħaddiema ta' 35 sena jew aktar, li jaffaċċjaw diffikultajiet fis-sejbien ta' impjieg jew ta' opportunità ta' taħriġ fil-pajjiż ta' residenza tagħhom u li huma lesti li jmorru jgħixu f'pajjiż ieħor. Bħal f'L-Ewwel Impjieg EURES Tiegħek, il-persuni li qed ifittxu impjieg jistgħu japplikaw għal diversi forom ta' appoġġ finanzjarju permezz tas-servizzi tal-impjieg ta' Reactivate. Bħalissa, is-servizzi tal-impjieg f'erba' pajjiżi wettqu proġetti ta' Reactivate: **l-Italja, Franza, il-Polonja u l-Iżvezja**, bi sħab fi **13-il pajjiż**. Minkejja adozzjoni inizjali batuta, l-iskema għandha potenzjal fit-tul peress li r-rati ta' impjieg tal-ħaddiema kbar fl-età fl-UE li bħalissa jaħdmu fi Stat Membru differenti minn dak li twieldu fih huma simili għal dik tal-impjegati tal-istess età li jaħdmu fil-pajjiż tat-twelid tagħhom<sup>21</sup>.

Il-**Korp Ewropew ta' Solidarjetà** għandu dimensjoni tal-mobilità fix-xogħol ukoll li għandha l-għan li toħloq opportunitajiet għaż-żgħażaġh biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u jżidu l-prospetti futuri tas-suq tax-xogħol tagħhom permezz ta' impjieg jew permezz ta' traineeship barra pajjżhom. Bħalissa għaddejjin żewġ proġetti taħt din l-iskema: konsorzju mmexxi minn Franza li qed jimmira għal 1,000 kollokament f'impjieg u fi traineeship, u wieħed immexxi mill-Italja li qed jimmira għal 400 kollokament sa Settembru 2018.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-iskemi mmirati tal-mobilità, li tindika s-sorsi ta' finanzjament tagħhom, il-popolazzjonijiet fil-mira, u l-pajjiżi li qed jieħdu sehem b'mod attiv fl-iskemi.

---

<sup>18</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, L-Ewwel Impjieg EURES Tiegħek, Skemi Mmirati tal-Mobilità, Il-5 Rapport ta' Monitoraġġ tal-Progress, Lulju – Diċembru 2017, ippubblikat f'Lulju 2018.

<sup>19</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, L-Ewwel Impjieg EURES Tiegħek, Skemi Mmirati tal-Mobilità, Ir-4 Rapport ta' Monitoraġġ tal-Progress, Jannar – Ġunju 2017, ippubblikat f'Diċembru 2017.

<sup>20</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, L-Ewwel Impjieg EURES Tiegħek, Skemi Mmirati tal-Mobilità, Il-5 Rapport ta' Monitoraġġ tal-Progress, Lulju – Diċembru 2017, ippubblikat f'Lulju 2018.

<sup>21</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Rapport ta' Monitoraġġ tal-Progress ta' Reactivate, Frar 2018 (Abbozz).

Skemi tal-mobilità	Grupp fil-mira	Servizzi tal-impjiegi prinċipali
Sħubijiet transfruntiera (CBPs)	Persuni li qed ifittxu impjieg u impjegaturi f'reġjuni fruntaliera	AT, BE, CH, CZ, DE, DK, ES, FR, HR, IT, IE, PT, FR, HU, LU, NL, PL, SE, SI, SK, UK
L-ewwel Impjieg EURES tiegħek	Persuni li qed ifittxu impjieg ta' 18-35 sena / kumpaniji bi ħtiġijiet ta' hili	Servizzi tal-impjieg prinċipali: DE, FR, IT, SE Sħab fi: BG, HR, CY, PT, RO, SI, ES, DK, FI, IE, LU, NO <sup>22</sup>
Korp Ewropew ta' Solidarjetà	Żgħażaġħ bejn it-18 u t-30 sena	Servizzi tal-impjieg prinċipali: FR, IT
Reactivate	Persuni li qed ifittxu impjieg ta' 35 sena jew aktar / impjegaturi li jeħtieġu forza tax-xogħol kwalifikata	Servizzi tal-impjieg prinċipali fi: IT, FR, SE, PL Sħab fi: DE, EL, ES, NL, IT, FI, IE, LU, PT, RO, SI, BE, CY

### 2.1.3. Ir-riżorsi u l-governanza

#### 2.1.3.1. Riżorsi umani

**Il-persunal tal-EURES<sup>23</sup>** jaħdem fil-PES nazzjonali jew reġjonali jew f'organizzazzjonijiet oħra li huma Membri jew Sħab tal-EURES. Dawn jipprovdu pariri, gwida u assistenza speċjalizzati lill-persuni li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi. Id-distribuzzjoni skont il-pajjiż tan-numru totali ta' persunal tal-EURES<sup>24</sup> bejn wieħed u ieħor **tirrifletti d-daqs tas-swieq tax-xogħol nazzjonali**, u jvarjaw minn 178 konsulent fil-Ġermanja, 92 fi Spanja u 55 fil-Polonja sa 20 fil-Bulgarija, 15 fin-Netherlands, 7 f'Ċipru u 3 fl-Estonja.

#### 2.1.3.2. Riżorsi finanzjarji

Ir-riżorsi finanzjarji disponibbli għan-netwerk ivarjaw b'mod sinifikanti minn pajjiż għal ieħor. L-ispejjeż tal-persunal jirrappreżentaw is-sehem maġġuri tal-finanzjament nazzjonali. Madankollu, diffiċli li jiġu identifikati l-ammonti eżatti peress li s-servizzi tal-EURES fil-parti l-kbira kienu parti mis-servizz offrut mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi. F'ħafna mill-każijiet il-**Fondi Soċjali Ewropej (FSE)** ikun komplimentari għall-finanzjament nazzjonali, b'rabta mas-servizzi ta' rekrutaġġ, ta' għoti ta' pariri u ta' gwida fil-livell nazzjonali u transfruntier. Il-Kummissjoni m'għandha ebda informazzjoni dwar l-ammonti allokatu għall-attivitajiet tal-EURES taħt il-FSE għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Fid-dawl tan-natura tal-ġestjoni kondiviża tal-Fond, l-informazzjoni disponibbli fil-livell tal-UE hi limitata għal dak li ġie maqbul fir-

<sup>22</sup> Informazzjoni pprovduta fuq il-Portal tal-EURES: <https://ec.europa.eu/eures/public/mt/your-first-eures-job-emp> (aċċessat fit-2 ta' Awwissu 2018).

<sup>23</sup> It-terminu "konsulent tal-EURES" għadu jintuża b'mod frekwenti fin-netwerk tal-EURES, għad li m'għadux terminu rikonoxxut b'mod uffiċjali wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/589, li jirreferi biss għall-"persunal tal-EURES" bħala r-riżorsi umani involuti fil-EURES.

<sup>24</sup> Għad-dettalji, ara l-Anness: Illustrazzjoni 2 – In-numru ta' konsulenti tal-EURES u ta' persunal simili fil-livell tal-UE fl-2017

Regolament dwar il-FSE<sup>25</sup>, u b'mod partikolari fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 215/2014 li jistabblixi l-kategoriji ta' intervent.

Attivitajiet orizzontali organizzati mill-ECO huma ffinanzjati permezz tal-assi tal-EURES tal-EaSI<sup>26</sup>, li jirrappreżentaw ukoll sehem mill-ispejjeż operatorji tal-fornituri ta' servizzi tal-EURES fin-Norveġja u fl-Iżlanda. Is-servizzi speċifiċi bħall-assistenza personalizzata taħt l-iskemi mmirati tal-mobilità huma ffinanzjati bl-EaSI wkoll. Disaggregazzjoni tar-riżorsi finanzjarji disponibbli taħt l-EaSI għall-EURES matul il-perjodu ta' rapportar hi ppreżentata fit-taqsimu 2.2.9 aktar 'il quddiem.

### 2.1.3.3. Infrastruttura tal-IT

L-Istati Membri kollha adattaw jew jinsabu fil-proċess li jadattaw l-infrastruttura tal-IT tagħhom biex jippermettu għat-trażmissjon iestiza tal-postijiet battala tax-xogħol u tas-CVs lill-Portal tal-EURES bħala parti mill-implimentazzjoni tar-Regolament tal-2016.

Barra minn hekk, ħafna minnhom nedew inizjattivi nazzjonali mmirati biex itejbu l-provvista ta' servizzi online. Pereżempju, ċerti NCOs adottaw approċċ **diġitali b'mod awtomatiku** fil-provvista ta' servizzi tal-EURES (ir-Renju Unit) u żiedu l-użu tat-teknoloġija biex jattiraw, jaħtru u jlaqqgħu kandidati billi jipprovdu **klassijiet tat-tagħlim elettroniku** fuq it-tfittix għal impjeg fuq il-paġna ewlenija nazzjonali tal-EURES (id-Danimarka). Qed tiġi żviluppata **app tal-EURES** li tippermetti lill-impjegaturi jsibu ħaddiema transfruntiera fil-Belġju u fin-Netherlands aktar faċilment<sup>27</sup> (EURES Scheldemond). Eżempji oħra ta' approċċi innovattivi għall-provvista tas-servizzi jinkludu l-iżvilupp ta' **sit web dedikat għaż-żgħażaġh** fil-Belġju<sup>28</sup>; **kooperazzjoni** msaħħa **mal-parti tal-IT** tal-programm **YfEj** f'Ċipru; l-introduzzjoni ta' **lista ta' kontroll online** għall-konsulenti tal-PES dwar il-proċeduri tal-EURES fil-Kroazja; u t-tnedija ta' 38 servizz online fi Franza u webinars bħala mod kosteffikaċi kif tiġi pprovdata informazzjoni "f'xandira diretta" mingħajr restrizzjonijiet ġeografiċi.

### 2.1.3.4. Il-governanza u l-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati

L-NCOs iwettqu sehem sinifikanti mill-attivitajiet tagħhom f'kooperazzjoni ma' **firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati f'livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u transfruntiera**. Dawn jinkludu sħab soċjali, netwerks Ewropej oħra, servizzi ta' gwida dwar il-karrieri, kmamar tal-kummerċ, u awtoritajiet inkarigati mis-sigurtà soċjali u mit-tassazzjoni. Jista' jġi nnotat li aktar ma tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-atturi fil-prattika, aktar jirnexxu l-attivitajiet organizzati b'mod konġunt peress li dawn iwasslu għal numru akbar ta' tlaqqiġ b'suċċess bejn il-persuni li qed ifittxu impjeg u l-impjegaturi.

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tal-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006, il-Premessa 5 u l-Artikolu 3(a)(i).

<sup>26</sup> Ir-Regolament (UE) 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE li tistabblixi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjegi u l-inklużjoni soċjali, l-Artikolu 20(b).

<sup>27</sup> <https://www.pzc.nl/zeeuws-vlaanderen/grensarbeiders-sneller-te-vinden-via-app~ae498da1/>

<sup>28</sup> <https://jeunes.leforem.be/>



### 2.1.3.5. Komunikazzjoni fil-pajjiżi membri tal-EURES

Sehem mill-baġit tal-komunikazzjoni tal-EURES jintuża għas-**sostenn tal-attivitajiet tal-komunikazzjoni tal-pajjiżi membri tal-EURES** li jinkludu finanzjament għall-promozzjoni tal-identità viżwali tal-EURES, l-għoti ta' pariri fuq materji relatati mal-midja soċjali jew l-għoti ta' sostenn għall-produzzjoni ta' filmati u għall-avvenimenti. L-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' komunikazzjoni jimmiraw udjenzi differenti fi ħdan in-netwerk tal-EURES. Ċerti NCOs jimplementaw kampanji ta' informazzjoni ta' natura ġenerali (l-Estonja), oħrajn jimmiraw setturi speċifiċi (l-Iżlanda), filwaqt li oħrajn jiffokaw fuq iż-żgħażaġh (in-Netherlands). **Il-midja soċjali u l-kampanji mmirati** qed jintużaw dejjem aktar biex jippromwov u l-attivitajiet tal-EURES flimkien mas-siti web tal-PES, pereżempju fil-Belġju, f'Ċipru, fl-Estonja, fin-Norveġja, fi Spanja u fl-Iżvezja. Il-kontinju tal-midja soċjali tal-Membri tal-EURES jgħoddu madwar 120,000 persuna segwaċi<sup>29</sup>.

**Il-materjal ta' informazzjoni** għall-impjegaturi u għall-persuni li qed ifittxu impjeg hu ppersonalizzat, immirat u disponibbli f'lingwi differenti. Fl-2017, intalbu madwar 330,000 kopja ta' materjal relatat mal-EURES min-Netwerk tal-EURES, filwaqt li l-bullettin tal-EURES laħaq kważi 700,000 abbonat. Attivitajiet ta' komunikazzjoni innovattivi jinkludu **jum ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar bil-ferrovija** bejn in-Netherlands u l-Ġermanja organizzat mis-Sħubija Transfruntiera reġjonali, il-promozzjoni tal-mobilità transfruntiera f'festival tal-mużika fl-apert u x-xandir ta' **programm fuq ir-radju ta' kull ġimgħa** fuq il-EURES u ta' programm tat-TV fuq il-mobilità tal-forza tax-xogħol fl-Italja.

### 2.1.3.6. Monitoraġġ u evalwazzjoni tal-azzjonijiet

Ir-Regolament il-ġdid dwar il-EURES jistabbilixxi approċċ orjentat lejn ir-riżultati għall-attivitajiet tan-netwerk tal-EURES. **Iċ-ċiklu ta' programmazzjoni** kien l-għodda ta' monitoraġġ ewlenija għall-attività ta' kull sena tul il-perjodu. Fi ħdan dan il-kuntest, kull NCO irrapporta dwar ir-riżultati tanġibbli u l-eżiti tan-netwerk tal-EURES nazzjonali tagħhom f'Rapport tal-Attività Nazzjonali annwali meta mqabbla mal-obiettivi stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma Nazzjonali (li qabel kien jissejjaħ il-Pjan ta' Attività). Barra minn hekk, **ir-rapporti konsultattivi ta' kull xahar tal-EURES** jissorveljaw is-servizzi tal-EURES għall-persuni li qed ifittxu impjeg u għall-impjegaturi u s-**Sistema ta' Kejl tal-Prestazzjoni (PMS)** tal-EURES tkejjel il-prestazzjoni u l-attivitajiet tan-netwerk tal-EURES b'mod konsistenti. Mill-2018, din se tibda tintuża għall-monitoraġġ tal-programmazzjoni tal-attivitajiet tal-EURES skont sett miftiehem ta' indikaturi<sup>30</sup>.

## 2.2. Attivitajiet ta' appoġġ orizzontali mill-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni (ECO)

### 2.2.1. Appoġġ għall-koordinazzjoni u għall-governanza

L-ECO jorganizza l-ħidma tal-Grupp Ewropew għall-Koordinazzjoni. Dan jippreżjenti l-**laqgħat** tiegħu, li jiġu organizzati f'intervalli regolari biex jiġu ppreżentati u diskussi

<sup>29</sup> Biex tingħata ħarsa ġenerali aħjar lejn il-kanali tal-midja soċjali nazzjonali tal-EURES u tal-ilħiq tagħhom, ta' kull sena l-ECO jagħmel eżerċizzju ta' mmappjar tal-kanali tal-midja soċjali tal-EURES.

<sup>30</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/170 tat-2 ta' Frar 2018 dwar l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati uniformi għall-ġbir u għall-analiżi tad-dejta sabiex jiġi mmonitorjat u evalwat il-funzjonament tan-netwerk tal-EURES.

żviluppi u aħbarijiet riċenti fi ħdan in-netwerk, u biex jinqasmu l-aħjar prattiki u sitwazzjoni attwali fil-proċess ta' implimentazzjoni tar-Regolament u l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT. L-ECO jissorvelja u jiffaċilita wkoll l-istadji differenti taċ-ċiklu ta' programmazzjoni u jikkoordina l-kompiti ta' ppjanar, ta' kkummentar u ta' rapportar tal-NCOs.

### 2.2.2. *It-tħaddim u l-iżvilupp tal-Portal tal-EURES u tas-servizzi tal-IT relatati*

L-ECO jopera l-Portal tal-EURES dwar il-Mobilità fix-Xogħol. Dan **stabilixxa wkoll sistema u proċeduri ġodda**, definiti f'kooperazzjoni msaħħa mal-Istati Membri, biex jiġi żgurat l-iskambju tal-postijiet battala tax-xogħol u tas-CVs. Fl-2017 ġie adottat sett ta' standards għall-format tal-postijiet battala tax-xogħol u tas-CVs fuq il-bażi tal-Istandards miftuħa tal-HR tal-industrija internazzjonali. L-ECO offra moduli ta' implimentazzjoni predefiniti speċifiċi lill-Istati Membri, u b'hekk iffaċilita b'mod sostanzjali l-isforz ta' implimentazzjoni għall-parteċipazzjoni fis-sistema ta' skambju l-ġdida. It-tranżizzjoni għas-sistema l-ġdida fil-Portal tal-EURES seħħet fl-ewwel nofs tal-2018. Twaqqfu mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' assistenza b'rabta mat-tlestija teknika u mal-kwalità tad-*data*.

### 2.2.3. *It-taħriġ u l-iżvilupp professjonali*

L-ECO jipprovdi programm ta' taħriġ komuni u żvilupp professjonali għall-persunal tal-Membri u tas-Sħab tal-EURES. Dan jinkludi l-implimentazzjoni ta' programm imġedded ta' taħriġ għall-EURES; it-tneċċija tal-**Akkademja tal-EURES** fl-2016, li tkopri l-attivitajiet ta' taħriġ kollha skont ir-Regolament dwar il-EURES bl-għan li tipprovdi lill-persunal tal-EURES bl-għodod, bil-kompetenzi u bil-ħiliet neċessarji għall-iżvilupp ta' attivitajiet ta' kollokament u ta' reklutaġġ. In-netwerks nazzjonali tal-EURES irrapportaw interess sinifikanti fit-taħriġ fil-livell tal-UE<sup>31</sup>.

Fil-livell nazzjonali, il-Membri u s-Sħab tal-EURES iħarrġu l-persunal tagħhom biex jiżguraw livell komuni bażiku ta' għarfien dwar il-EURES. Persunal ġdid jirċievi **pretahriġ** f'diversi formats (eż. klassi, online, fuq ix-xogħol jew b'għodod tal-awtotagħlim) f'livell nazzjonali biex jifhem aħjar l-oġġettivi, l-għodod u l-istrateġiji tan-netwerk minn perspettiva nazzjonali. Dan it-taħriġ f'livell nazzjonali jitħejja mill-NCOs fuq il-bażi tal-linji gwida indikattivi, tal-għodod u tal-helpdesk ipprovdu mit-Tim tat-Taħriġ tal-EURES.

### 2.2.4. *Helpdesk*

L-ECO jipprovdi funzjoni ta' helpdesk għall-utenti kollha tal-Portal tal-EURES u tas-servizzi tiegħu (jiġifieri persuni li qed ifittxu impjieg, impjegaturi, persunal tal-Membri u tas-Sħab tal-EURES, NCOs u viżitaturi mistiedna). Dan jinkludi tweġibiet għad-domandi kollha relatati mas-servizzi pprovdu fuq il-Portal tal-EURES, inkluża t-taqsima tal-Extranet, u s-servizzi pprovdu fil-pjattaforma tal-Jiem tal-Impjiegi Ewropej. Id-domandi jistgħu jsiru permezz tal-formola fuq il-web tal-Portal, permezz ta' telefonati mingħajr ħlas, permezz ta' chat online jew permezz ta' Skype. Fl-2017, il-helpdesk tal-EURES ipproċessa madwar 20,000 domanda mill-utenti.

### 2.2.5. *Il-bini ta' netwerk, l-iskambju tal-aħjar Prattika u t-tagħlim*

<sup>31</sup> Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku 2017

[http://ec.europa.eu/internal\\_market/scoreboard/performance\\_by\\_governance\\_tool/eures/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/internal_market/scoreboard/performance_by_governance_tool/eures/index_en.htm) (aċċessat it-2 ta' Awwissu 2018). L-ECO jirrapporta li "fl-2017, b'kollox 696 parteċipant ħadu sehem f'taħriġ fuq il-post, 480 f'taħriġ online u 132 fil-Fażi ta' Konsolidazzjoni, li koprew 30 pajjiż; fl-ewwel nofs tal-2018, 360 parteċipant minn 27 pajjiż Membru tal-EURES ġew skedati taħriġ fil-klassi. Il-kwalità tal-offerta ta' taħriġ hi ssorveljata permezz tal-feedback mingħand il-klijenti. Fl-2017, dan xeħet dawl fuq il-fatt li l-maġġoranza tal-parteċipanti sabet li l-korsijiet kienu siewja u organizzati sew u li l-kontenut kien applikabbli."

## *reċiproku*

L-ECO jiffaċilita l-bini ta' netwerk, it-tagħlim reċiproku u l-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan in-netwerk tal-EURES. Minbarra l-laqgħat regolari tal-ECG u ta' gruppi ta' esperti oħra, matul il-perjodu ġew organizzati diversi **avvenimenti** speċifiċi **ta' tagħlim reċiproku**. L-iskop tagħhom hu li fihom jiġu skambjati ideat u l-aħjar prattiki bejn l-NCOs u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fi ħdan in-netwerk. Pereżempju, fl-2018 saru avveniment ta' tagħlim reċiproku dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' ammissjoni għall-Membri u għas-Sħab tal-EURES u avveniment ma' esperti esterni dwar l-aħjar prattiki fl-għodod awtomatizzati tat-tlaqqiġ. Barra minn hekk, verżjoni ġdida tal-**Extranet tal-EURES** bdiet topera kmieni fl-2018. L-oġettiv tagħha hu li ssostni u tteġġeg il-kollaborazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fi ħdan in-netwerk tal-EURES permezz ta' spazji u ta' fora ta' ħidma interattiva.

### *2.2.6. Attivitajiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni*

L-ECO jappoġġja l-attivitajiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni fi ħdan in-netwerk tal-EURES biex jitravwem l-għarfien dwar il-EURES, f'konformità mal-istrateġija tal-EURES dwar il-komunikazzjoni għall-2015-2020. Dan iħejji **dokumenti ta' gwida** mmirati għall-pjanijiet ta' komunikazzjoni nazzjonali pluriennali tal-pajjiżi membri tal-EURES, filwaqt li twaqqaf **grupp ta' esperti nazzjonali dwar il-komunikazzjoni** biex jaqsam u jippromwovi l-aħjar prattiki. Barra minn hekk, l-ECO jaħdem fuq il-pjattaforma tal-Jiem tal-Impjiegi Online Ewropej u jappoġġja u jospita l-organizzazzjoni ta' aktar minn 30 jum tal-impjiegi u avveniment ta' reklutaġġ (online, fuq il-post jew it-tnejn) fis-sena.

Il-kontijiet **tal-midja soċjali tal-EURES** jgħoddu aktar minn 260,000 persuna segwaċi fuq Facebook, aktar minn 36,000 fuq Twitter u 28,000 fuq LinkedIn. Il-kanal tal-EURES fuq YouTube ġie riorganizzat biex jirrifletti l-gruppi fil-mira differenti u jipprovdi ħarsa ġenerali aktar ċara permezz ta' filmati. Fl-2017 saret l-ewwel kampanja tal-EURES fuq il-midja soċjali. Il-kampanja **#YourCareerMove** kellha l-għan li żżid l-għarfien dwar il-firxa ta' servizzi tal-EURES u tippromwovi l-kooperazzjoni fi ħdan in-netwerk. Hu stmat li l-kampanja ġġenerat 10 miljun impressjoni, 440 parteċipant fil-kwiżż ħolqu profil tal-EURES matul il-kampanja (li jirrappreżentaw rata ta' konverżjoni li hi 4 sa 5 oġhla mill-medja tal-midja soċjali) u 85% tal-NCOs kienu sodisfatti bl-għodod promozzjonali tal-kampanja. Din il-kampanja ġiet nominata għal-Premji tal-Komunikazzjoni Diġitali 2018 fil-kategorija "Istituzzjonijiet".

Mill-2016, l-ECO ppubblika 216-il artiklu tal-aħbarijiet fuq il-portal tal-EURES u 114-il artiklu fuq il-portal tal-Extranet tal-EURES. L-artikli fuq il-portal tal-EURES juru **stejjer ta' suċċess** ta' persuni li qed ifittxu impjieg u ta' impjegaturi involuti mal-EURES, **it-tendenzi fir-reklutaġġ** jew **ideat għas-sejbien ta' impjieg u għar-reklutaġġ**. **Il-pubblikazzjonijiet ta' Drop'pin@EURES** ġew aġġornati u ġiet żviluppata **Gwida għall-Prattikanti għall-EURES**, bl-għan li jiġu spjegati t-tibdiliet miġjuba mir-Regolament il-ġdid dwar il-EURES. Barra minn hekk, l-ECO kkumpila fuljett ġdid u trifold għall-iskema Reactivate.

L-ECO żviluppa infografiċi wkoll, **gwilda tal-istil** tal-EURES, u linji gwida grafiċi aġġornati u l-manwal tal-EOJD għall-organizzaturi ta' avvenimenti. **L-Uffiċċju tal-Aħbarijiet u tal-Infomazzjoni tal-EURES (ENIB)** adotta strateġija ġdida dwar il-kontenut biex jiffaċilita l-ippjanar u l-allinjament tal-pubblikazzjonijiet tiegħu mal-attivitajiet tal-midja soċjali. Ġew definiti suġġetti ta' kull xahar u ntbagħtu aġġornamenti

u tfakkiriet regolari, filwaqt li l-materjal tal-komunikazzjoni jitqiegħed għad-dispożizzjoni tan-netwerk tal-EURES sħiħ fl-ispazju tax-xogħol tal-komunikazzjoni tal-Extranet il-ġdid.

### 2.2.7. *Analiżi tal-mobilità ġeografika u okkupazzjonali*

Kull sena, il-Kummissjoni tippubblika rapport dwar il-mobilità tal-forza tax-xogħol li jkun fih informazzjoni importanti dwar il-flussi u x-xejriet fil-pajjiżi tal-Unjoni u tal-EFTA, b'enfasi partikolari fuq is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-ħaddiema mobbli u d-dimensjoni tal-ġeneri<sup>32</sup>. Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, mill-2017 bdiet tiġi prodotta ta' kull sena analiżi tan-nuqqasijiet u tal-eċċessi fis-suq tax-xogħol u tal-kawżi tagħhom fil-pajjiżi membri tal-EURES<sup>33</sup>.

### 2.2.8. *L-iżvilupp ta' struttura xierqa ta' kooperazzjoni u ta' approvazzjoni għall-apprendistati u għat-traineeships*

It-tlaqqiġ u l-kollokament tal-kandidati minn pajjiżi oħra fl-offerti ta' apprendistati u ta' traineeships huma kumplessi u jirrekjedu ħafna riżorsi fid-dawl tad-differenzi sinifikanti fil-kuntesti istituzzjonali bejn il-pajjiżi membri tal-EURES. L-ECO jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' **fehmi komuni** u ta' **servizzi ta' sostenn** xierqa billi jipprovdi sett ta' rekwiżiti minimi dwar il-kwalità tad-*data* u informazzjoni dwar l-apprendistati u l-internships fuq il-Portal tal-EURES. B'mod partikolari, bħalissa l-ECO qed jiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri, rakkomandazzjonijiet għal organizzazzjonijiet ospitanti dwar il-proċess mill-pubblikazzjoni tal-offerta sa tmiem l-apprendistat jew it-traineeship, inkluża t-trażmissjoni tal-offerta u l-interazzjoni tal-Membri u tas-Sħab tal-EURES mal-organizzazzjonijiet li jippubblikaw l-offerti. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet, ladarba jiġu maqbula, jiġu ppubblikati fuq il-Portal tal-EURES.

### 2.2.9. *Riżorsi finanzjarji*

L-assi tal-EURES tal-programm tal-EaSI jipprovdi l-finanzjament tal-attivitajiet ta' sostenn orizzontali, bħall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-portal tal-Mobilità tal-Forza Tax-Xogħol tal-EURES, il-programm ta' taħriġ komuni, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni, ta' analiżi u ta' bini ta' netwerk, L-Ewwel Impjieġ EURES Tiegħek u sħubijiet transfruntiera.

It-tabella ta' hawn taħt turi disaggregazzjoni indikattiva tar-riżorsi fil-fatt impenjati wara l-proċeduri tal-akkwist u tal-ġhoti tal-ġhotijiet<sup>34</sup>:

<b>Attivitajiet Ewlenin</b>	<b>2016</b>	<b>2017</b>	<b>Nofs l-2018</b>
1. Portal tal-Mobilità fix-Xogħol	3.600.000	4.270.000	2.280.000
2. Helpdesk	300.000	350.000	250.000
3. Traduzzjonijiet	500.000	500.000	543.500
4. Programm ta' Taħriġ komuni	1.600.000	1.800.000	875.000
5. Laqgħat tan-netwerk	100.000	140.000	125.000
6. Appoġġ għall-attivitajiet tan-netwerk	2.800.000	2.800.000	1.225.000
7. L-ewwel impjieġ EURES tiegħek	9.900.100	3.000.000	7.054.000

<sup>32</sup> Ir-rapporti annwali dwar il-mobilità tal-forza tax-xogħol intra-UE 2016 u 2017 huma disponibbli mill-EU Bookshop.

<sup>33</sup> Ir-rapport "Labour shortages and surpluses 2017" hu disponibbli mill-EU Bookshop.

<sup>34</sup> It-tabella mhix eżawrjenti peress li ċerti pariti tal-baġit mhumiex inklużi, bħall-appoġġ lill-pajjiżi taż-ŻEE u lis-sħab soċjali (skont is-sejħa għal proposti) u t-tariffi tal-ospitar għall-portal.

8. Shubijet transfruntiera	3.900.000	3.400.000	3.226.090,5
----------------------------	-----------	-----------	-------------

### 3. IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT FL-ISTATI MEMBRI

Din it-taqsimha tiddekrivi s-sitwazzjoni attwali tal-applikazzjoni **fl-Istati Membri** tar-Regolament dwar il-EURES kif meħtieġ mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament. L-analiżi hi bbażata fuq it-tweġibiet li waslu mill-NCOs fi sħarriġ u fuq lista ta' kontroll tal-konformità u informazzjoni oħra disponibbli għall-Kummissjoni. It-tabella li tinsab fuq nett ta' kull taqsimha ttiprovdi ħarsa fil-qosor tal-lista ta' kontroll tal-konformità dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament. Meta tiġi rrapportata *data* dwar is-(sub)azzjonijiet, it-tabella tippreżenta eżitu aggregat tal-azzjonijiet. Meta tiġi rrapportata *data* għas-subazzjonijiet kollha, jiġi ppreżentat l-anqas valur. Meta ma tiġi rrapportata ebda *data* għal ċerti subazzjonijiet, l-azzjoni tiġi ppreżentata bħala parzjalment kompluta.

	Data not available*
V	Completed
Δ	Partially completed
X	Not completed

\*Id-*data* tiġi rrapportata bħala mhux disponibbli mill-NCO jekk inkella ma ġiet irrapportata ebda *data*.

#### 3.1. Kompożizzjoni tan-netwerk u materji organizzazzjonali

I. Composition of the network and organisational matters	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LV	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	UK	CH	IS	LI	NO	
<b>Action 1:</b> Designation of the NCO ( <i>Article 9(1)</i> ) and notification of ECO	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V
<b>Action 2:</b> Designation of a representative for the Coordination Group ( <i>Art. 14</i> ) and notification of ECO	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V
<b>Action 3:</b> Appointment of the PES relevant for the activities in the EURES network as EURES Members ( <i>Art. 10</i> )	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V
<b>Action 4:</b> Identification of the organisations currently operating in the EURES network which continue in the transitional period ( <i>Art. 40</i> )	Δ	V	-	Δ	-	V	Δ	Δ	Δ	Δ	Δ	X	-	Δ	-	V	-	-	-	-	V	Δ	X	Δ	Δ	X	Δ	Δ	Δ	Δ	-	-	-

##### 3.1.1. Rekwiżiti tar-Regolament

L-Istati Membri jridu jinformaw lill-ECO dwar l-NCO magħżul tagħhom. Is-**Servizz Pubbliku tal-Impjiegi** għandu **status speċjali bħala Membru** f'kull Stat Membru. Sett ta' **kriterji minimi**<sup>35</sup> jispjega l-**obbligi li l-PES** iridu jissodisfaw għar-rwol tagħhom **bħala Membri tal-EURES**. Biex jikkonformaw mar-rekwiżit, il-PES jistgħu jesternalizzaw, jiddelegaw jew jikkonkludu ftehimiet speċifiċi ma' organizzazzjonijiet taħt ir-responsabbiltà tagħhom. L-organizzazzjonijiet li kienu parti min-netwerks nazzjonali tal-EURES sa minn qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-2016 jistgħu jibqgħu **Sħab matul perjodu tranżizzjonali** qabel ma jkollhom jerġgħu japplikaw biex isiru Membri jew Sħab tan-netwerk tal-EURES. L-NCO għandu jinforma lill-ECO dwar il-kompożizzjoni tan-netwerk tiegħu matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.

##### 3.1.2. Implementazzjoni

L-Istati Membri kollha nnominaw l-NCO u r-rappreżentanti tagħhom għall-Grupp Ewropew għall-Koordinazzjoni, u informaw lill-ECO dwar dawn. Ir-responsabbiltajiet għall-PES u t-**tibdiliet għan-netwerk** li jirriżultaw mir-Regolament il-ġdid dwar il-EURES ġew **komunikati** lill-awtoritajiet u lill-organizzazzjonijiet sħab rilevanti fl-Istati Membri kollha. Wara dan, uħud mill-NCOs biddlu l-**istruttura tal-persunal** tagħhom u f'ċerti każijiet in-netwerk tal-EURES sarlu tibdil, pereżempju l-uffiċċji reġjonali tal-PES

<sup>35</sup> Ir-Regolament 2016/589, l-Anness I: Kriterji minimi komuni.

saru Membri u, flimkien mal-NCO, ifformaw in-netwerk nazzjonali tal-EURES. Kif meħtieġ, l-NCOs informaw lill-ECO dwar dawn it-tibdiliet fin-netwerks nazzjonali tal-EURES u fl-istruttura tal-NCO permezz tal-helpdesk tal-EURES. **Is-servizzi tal-EURES għall-persuni li qed ifittxu impjeg u għall-impjegaturi**, kemm online kif ukoll offline, huma pprovduti permezz tal-PES. F'numru ta' Stati Membri, is-servizzi tal-EURES huma integrati bis-sħiħ fis-servizzi nazzjonali tal-PES.

### 3.1.3. Sfidi

L-Istati Membri jirrapportaw li, filwaqt li **n-numru ta' kompiti li għalihom hu responsabbli l-NCO kiber** bl-implimentazzjoni tar-Regolament, dan mhux dejjem kien segwit minn żieda fl-**allokazzjonijiet ta' persunal jew tal-baġit**. B'mod partikolari NCOs b'persuna waħda fi Stati Membri żgħar jirrapportaw li qed jaffaċċjaw **piż amministrattiv u dmirijiet ta' rapportar** kbar fil-kuntest tar-Regolament il-ġdid dwar il-EURES. B'mod partikolari, it-**twessigħ tan-netwerk tal-EURES biex jiddaħħlu Membri u Sħab** hu mistenni jkollu impatt sinifikanti fuq il-ħtiġijiet ta' ġestjoni tal-NCOs. Peress li n-netwerk qed jespandi, hekk ukoll qed jiġri bil-kompiti għall-NCOs biex jimmaniġġjaw u jikkoordinaw b'tali mod li l-Membri u s-Sħab il-ġodda jkunu konnessi mal-pjattaforma komuni tal-IT, jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rapportar tagħhom u tiġi żgurata l-kwalità tad-*data* (dwar il-postijiet battala tax-xogħol u s-CVs) maqsuma fuq il-portal tal-EURES.

## 3.2. Il-governanza u l-interazzjoni ma' organizzazzjonijiet barra min-netwerk tal-EURES

II. Governance and cooperation with organisations outside EURES	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LV	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	UK	CH	IS	LI	NO
<b>Action 1:</b> Re-establish collaboration with stakeholders (Art. 9(7))	-	-	X	V	-	-	V	X	Δ	Δ	V	X	Δ	V	-	Δ	-	V	V	X	V	X	X	X	Δ	Δ	V	X	X	-	-	X
<b>Action 2:</b> Re-establish cooperation with other EU information and advisory services and networks (Art. 16(2))	-	-	X	Δ	-	-	V	Δ	Δ	V	V	X	V	V	-	Δ	-	V	Δ	X	V	X	Δ	X	Δ	Δ	V	X	Δ	-	-	X
<b>Action 3:</b> Dialogue with the social partners at national level (Art. 16(3))	Δ	-	V	Δ	-	-	V	V	Δ	V	V	Δ	V	V	-	Δ	-	V	V	X	Δ	Δ	Δ	V	V	Δ	X	V	Δ	-	-	X
<b>Action 4:</b> Establish cooperation with relevant competent authorities (Art. 26(2)) and inform Members and Partners	-	-	Δ	Δ	-	-	V	X	Δ	V	V	Δ	V	V	-	V	-	V	V	V	V	X	V	V	V	Δ	Δ	X	Δ	-	-	V

### 3.2.1. Rekwiżiti tar-Regolament

L-**organizzazzjonijiet ċentrali tan-netwerk tal-EURES** fl-Istati Membri huma l-PES u l-Membri u s-Sħab l-oħra tal-EURES. Madankollu, il-funzjonament tan-netwerk jeħtieġ **kooperazzjoni** ma' diversi organizzazzjonijiet oħra. Ir-Regolament jispeċifika bħala waħda mir-responsabbiltajiet tal-NCOs il-**promozzjoni tal-kollaborazzjoni ma' partijiet ikkonċernati rilevanti** fil-kuntest tan-netwerk tal-EURES. In-netwerks nazzjonali tal-EURES huma meħtieġa jikkooperaw ukoll mas-**servizzi u man-netwerks oħra tal-UE ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni**. Barra minn hekk, l-NCOs għandhom jiffaċilitaw id-djalogi regolari għan-netwerk tal-EURES mas-**sħab soċjali**, f'konformità mal-liġi u mal-prattika nazzjonali. Fid-dawl tal-**għoti ta' aċċess għall-informazzjoni** lil persuni li qed ifittxu impjeg u lil impjegaturi dwar it-tassazzjoni, kwistjonijiet relatati ma' kuntratti tax-xogħol, ma' pensjonijiet, mal-assigurazzjoni tas-saħħa, mas-sigurtà soċjali u ma' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, l-NCOs irid jistabbilixxu wkoll kuntatti mal-**awtoritajiet kompetenti** fil-livell nazzjonali.

### 3.2.2. Implementazzjoni

L-ewwel grupp ta' partijiet ikkonċernati jinvolvi l-awtoritajiet f'livell nazzjonali, kif ukoll is-sħab soċjali f'ħafna Stati Membri. Informazzjoni dwar il-EURES tipikament tinqasam permezz ta' laqgħat regolari u ta' sessjonijiet ta' koordinazzjoni.



Organizzazzjonijiet oħra tal-partijiet ikkonċernati li huma attivi fil-qasam tal-mobilità tal-forza tax-xogħol Ewropea, bħas-servizzi tal-UE ta' informazzjoni u ta' konsulenza, ukoll **jirċievu informazzjoni** dwar il-EURES u huma **mistiedna b'mod regolari biex jattendu jew jorganizzaw b'mod konġunt avvenimenti tal-EURES**. Diversi Stati Membri lestew l-**immappjar tal-partijiet ikkonċernati** tagħhom tal-organizzazzjonijiet li bħalissa huma barra min-netwerk tal-EURES, filwaqt li oħrajn għadhom qed jaħdmu fuq dan. Fil-ġejjieni, uħud minn dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jkunu mistiedna biex isiru Membri jew Sħab. L-immappjar juri wkoll fejn in-netwerk jista' jissaħħa permezz ta' sħubijiet, pereżempju ma' fornituri ta' apprendistati u ta' traineeships, li għalihom bħalissa hemm nuqqas ta' arranġamenti f'diversi pajjiżi.

### 3.2.3. Sfidi

Ma ġiet irrapportata ebda sfida speċifika mill-Istati Membri b'rabta ma' dan is-sett ta' rekwiżiti.

## 3.3. Ix-xandir tan-netwerk

III. Broadening the network	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LV	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	UK	CH	IS	LI	NO
Action 1: Preparation for the admission system (Art. 11) and notification to ECO	X	V	Δ	V	-	V	Δ	V	V	Δ	V	X	V	X	-	V	-	Δ	X	V	V	Δ	V	X	X	V	V	V	X	-	-	X
Action 2: Implementation of the admission system (Art. 11, 12)	X	-	-	X	-	V	Δ	-	X	X	V	X	-	X	-	-	-	Δ	-	Δ	Δ	-	X	X	Δ	-	X	X	-	-	-	
Action 3: Compliance with the template of the national system and procedures for sharing info between Member States (Art. 11(8))	X	-	-	V	-	Δ	V	V	Δ	V	Δ	V	Δ	Δ	-	V	-	Δ	Δ	V	V	Δ	V	X	Δ	V	Δ	V	Δ	-	-	-
Action 4: Monitoring compliance by Members and Partners	X	-	-	Δ	-	-	Δ	Δ	Δ	V	Δ	V	Δ	Δ	-	X	-	Δ	Δ	V	V	Δ	X	Δ	Δ	Δ	Δ	V	X	-	-	Δ

### 3.3.1. Rekwiżiti tar-Regolament

Biex **jissiehu fin-netwerk tal-EURES bħala Membru jew Sieħeb ġdid**, l-organizzazzjonijiet jistgħu jiġu ammessi permezz tas-**sistemi nazzjonali ta' ammissjoni** li għandhom jiġu implimentati minn kull Stat Membru, fuq il-bażi tal-kriterji minimi stabbiliti fir-Regolament dwar il-EURES. L-Istati Membri jistgħu jżidu kriterji nazzjonali ta' ammissjoni, biex iżommu kontroll fuq l-akkreditament ta' Membri u ta' Sħab ġodda f'konformità mar-rekwiżiti nazzjonali kif ukoll mar-Regolament. Skont ir-Regolament dwar il-EURES u d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni relatata, l-Istati Membri kollha misshom implimentaw it-tali sistema ta' ammissjoni, inkluż għall-monitoraġġ tal-konformità tal-Membri u tas-Sħab, u nnotifikaw lill-ECO<sup>36</sup>. Qabel l-implimentazzjoni tas-sistema ta' ammissjoni biex jitwessa' n-netwerk f'Mejju 2018, ġie pprovdut għal **perjodu ta' tranżizzjoni** fir-Regolament. Dan ippermetta biex in-netwerks tal-EURES ikomplu l-kooperazzjoni tagħhom mal-organizzazzjonijiet sħab, bħal sħab transfruntiera, filwaqt li jħejju għar-rekwiżiti għall-Membri u għas-Sħab skont ir-Regolament il-ġdid dwar il-EURES.

### 3.3.2. Implementazzjoni

L-Istati Membri kollha minbarra wieħed indikaw li huma ħejjew, jew implimentaw, sistema ta' ammissjoni, iżda terz minnhom biss innotifikaw b'mod uffċjali lill-ECO dwar is-sistemi rispettivi tagħhom sa Lulju 2018. F'numru ta' Stati Membri, Membri u Sħab prospettivi huma mistiedna jissiehu f'laqgħat u f'sessjonijiet ta' ħidma dwar l-attivitajiet tal-EURES u kif isiru Membru jew Sieħeb, filwaqt li Stati Membri oħra nedew strateġiji ta' komunikazzjoni biex jilhq u lil Membri u lil Sħab potenzjali, filwaqt li

<sup>36</sup> Għadu ma ġiex adottat att ta' implimentazzjoni li jirreferi għall-Art. 11(8) b'mudell għad-deskrizzjoni tas-sistema u tal-proċeduri nazzjonali għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri.

jinformawhom dwar in-netwerk tal-EURES. Ebda Membru jew Sieħeb ġdid ma ġie ammess sa Lulju 2018, iżda diversi NCOs ħabbru li kienu fil-proċess li jivvalutaw applikazzjonijiet jew kienu ppubblikaw **sejħiet għal applikazzjonijiet**.

L-Istati Membri se jissorveljaw il-konformità tal-Membri u tas-Sħab tagħhom mar-Regolament u waqqfu **sistemi xierqa**, jew inkella qed iħejju mekkaniżmu biex jagħmlu dan. Il-konformità tinkludi r-rapportar ta' *data* u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-NCO, li min-naħa tiegħu jirrapporta mal-ECO.

### 3.3.3. Sfidi

Kważi nofs l-Istati Membri jiddikjaraw li huma jaffaċċjaw **dewmien fil-proċedura leġiżlattiva nazzjonali għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' ammissjoni**. Barra minn hekk, konsegwenza tat-tweżiġ tan-netwerk tal-EURES hi li l-NCOs iridu jimmaniġġjaw **netwerk akbar**, biex jiżguraw il-konnessjoni u l-interoperabbiltà tal-Membri u tas-Sħab mal-pjattaforma komuni tal-IT, u biex jissalvagwardjaw il-kwalità tad-*data* u tal-informazzjoni maqsuma u rrapportati fi ħdan in-netwerk u fuq il-portal tal-EURES.

## 3.4. Postijiet battala tax-xogħol u skambji tas-CVs

IV. Data exchange mechanisms, visibility, tools, interoperability	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LV	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	UK	CH	IS	LI	NO
Action 1: Job vacancy exchange functioning	V	Δ	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	Δ	-	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	Δ
Action 2: CV exchange functioning	-	Δ	Δ	Δ	V	Δ	V	Δ	Δ	Δ	-	-	Δ	Δ	-	Δ	-	Δ	Δ	-	-	Δ	Δ	Δ	Δ	-	-	Δ	-	-	Δ	

### 3.4.1. Rekwiżiti tar-Regolament

**L-iskambju trasparenti ta' postijiet battala tax-xogħol, ta' applikazzjonijiet għal xogħol, u ta' CVs**, hu waħda mill-karatteristiċi ewlenin tar-Regolament il-ġdid dwar il-EURES. Ir-Regolament jeħtieġ li l-Membri u s-Sħab kollha tal-EURES **jittrasferixxu l-postijiet battala tax-xogħol disponibbli pubblikament fuq il-portal tal-EURES** u jħejju għall-iskambju ta' *data* dwar l-apprendistati u t-traineeships. L-Istati Membri huma mistennija jaqsmu wkoll informazzjoni dwar il-prattiki nazzjonali u kwistjonijiet relatati mad-*data*. L-iskambji kollha ta' *data* jridu jsiru permezz ta' **kanal koordinat wieħed**. Kulħadd għandu japplika **standards tekniċi** għall-funzjonament tat-tlaqqiġ awtomatizzat. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw ukoll l-applikazzjonijiet minn Membri u minn Sħab tal-EURES u jiżguraw il-viżibbiltà tal-EURES fil-livell nazzjonali.

### 3.4.2. Implementazzjoni

L-Istati Membri għamli l-aġġustamenti neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Kanal Koordinat Uniku. Filwaqt li ħafna mill-Istati Membri rrispettaw l-iskadenza ta' Mejju 2018 għall-iskambju ta' **postijiet battala tax-xogħol**, jidher li hemm bżonn ta' aktar żmien rigward l-iskambji ta' CVs<sup>37</sup>. **L-apprendistati u t-traineeships** b'komponent professjonali huma trasferiti fil-portal tal-EURES f'ħafna mill-Istati Membri, flimkien ma' postijiet battala tax-xogħol oħra. Diversi Stati Membri qed jaħdmu biex itejbu l-offerti ta' apprendistati u ta' traineeships tagħhom permezz tal-EURES, billi jidhru f'kuntatt mal-fornituri u jistabilixxu sistema għall-ġbir tal-postijiet battala tax-xogħol.

Bl-għan li tiġi żviluppata **għodda awtomatizzata tat-tlaqqiġ** permezz tal-portal tal-

<sup>37</sup> Għal dettalji dwar l-istatus tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri individwali, ara l-illustrazzjonijiet 6 u 7 tal-Anness.

EURES, il-klassifikazzjoni Ewropea ta' ħiliet, kompetenzi u Impjiegi (ESCO) qed tiġi implimentata b'mod progressiv fin-netwerk tal-EURES mill-Istati Membri kollha. Fil-mument tal-abbozzar ta' dan ir-Rapport, analiżi tas-sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni tlestiet jew għadha għaddejja f'ħafna mill-Istati Membri, u din turi diskrepanza fil-konformità mal-ESCO.

### 3.4.3. Sfidi

L-iskambju tas-CVs għadu fil-proċess f'ħafna mill-Istati Membri. Stat Membru wieħed biss kien lest sal-iskadenza ta' Lulju 2018 filwaqt li hu mistenni li f'it oħra ser ikunu jistgħu jissieħbu sa tmiem l-2018. Għad hemm bżonn ta' tibdiliet tekniċi biex is-sistemi tal-IT jiġu adattati għall-kanal koordinat uniku. Sfida oħra hi l-**infrastruttura skaduta tal-IT** f'ċerti reġjuni li mhix kapaċi tlaħħaq ma' attivitajiet li għandhom ikunu parti mill-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni integrati. Nuqqas ta' riżorsi umani, finanzjarji jew tal-IT hu l-aktar raġuni kkwotata spiss għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ipplanati relatati mal-IT f'livell nazzjonali. Finalment, xi Stati Membri esprimew tħassib għall-protezzjoni u għas-sikurezza tad-*data* personali meta jiskambjaw postijiet battala tax-xogħol u CVs fuq il-portal tal-EURES. Dan ġie indirizzat mill-ECO.

## 3.5. Servizzi ta' appoġġ

V. Support services	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LV	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	UK	CH	IS	LI	NO	
Action 1: Ensuring continuity through PES	V	-	V	V	-	-	V	V	V	V	-	Δ	V	V	-	V	-	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	Δ	-	-	V
Action 2: Assistance with registration on EURES portal (Art. 20)	-	-	Δ	V	-	-	V	Δ	V	V	-	V	Δ	V	-	V	-	V	-	Δ	V	X	Δ	X	Δ	V	Δ	Δ	Δ	X	-	-	X
Article 3: Basic information on EURES (Art. 22)	-	-	V	Δ	-	-	V	Δ	Δ	V	-	V	Δ	V	-	V	-	V	-	V	V	V	V	X	V	V	V	Δ	X	-	-	Δ	
Article 4: Monitoring the application by Members and Partners	Δ	-	-	Δ	-	-	Δ	X	X	Δ	-	X	Δ	Δ	-	Δ	-	Δ	Δ	Δ	V	Δ	X	X	Δ	Δ	Δ	Δ	X	X	-	-	X
Action 5: Support services in cross-border regions	-	-	-	-	-	-	V	V	-	V	-	Δ	Δ	Δ	-	V	-	V	-	V	Δ	V	V	Δ	Δ	Δ	Δ	Δ	X	V	-	-	-
Action 6: Mainstreaming mobility support in active labour market measures (Art. 28, recital 46)	V	-	-	-	-	-	V	V	-	V	-	Δ	V	Δ	-	V	-	V	Δ	Δ	-	V	V	X	V	V	X	V	V	Δ	-	-	X

### 3.5.1. Rekwiżiti tar-Regolament

L-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw il-**kontinwità** tas-servizzi tal-EURES permezz tal-PES nazzjonali tagħhom, jipprovdu **informazzjoni** u **assistenza** lill-persuni li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi fir-reġistrazzjoni fuq il-portal tal-EURES u **jissorveljaw l-applikazzjonijiet** tal-Membri u tas-Sħab futuri. Is-servizzi ta' appoġġ għandhom jiġu pprovduti wkoll f'**reġjuni transfruntiera** u l-Istati Membri huma mistennija **jintegraw l-appoġġ għall-mobilità** fil-politiki attivi nazzjonali tagħhom tas-suq tax-xogħol.

### 3.5.2. Implementazzjoni

Kważi l-Istati Membri kollha jirrapportaw li huma jiżguraw **kontinwità fil-provvista ta' servizzi ta' appoġġ** għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi. **Informazzjoni dwar il-EURES** hi disponibbli permezz tas-siti web kollha tal-PES u tal-portali nazzjonali tal-EURES, fejn applikabbli. Bħala wieħed mis-servizzi ta' appoġġ tal-EURES, huma pprovduti **gwiða u appoġġ lill-persuni li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi** biex jirreġistraw fuq il-portal tal-EURES. Fil-Kroazja, dan hu sostnut ulterjorment b'filmata ta' dimostrazzjoni li juru kif tuża l-portal tal-EURES. Ġeneralment ikun hemm informazzjoni aktar dettaljata disponibbli online, b'mod partikolari rigward l-**iskemi mmirati tal-mobilità**. Diversi Stati Membri jqisu li l-informazzjoni fuq il-portal tal-EURES u fuq is-sit web tal-PES għandha ssir aċċessibbli aktar faċilment fi f'it klikks.

Is-servizzi ta' appoġġ jestendu għal **reġjuni transfruntiera** wkoll. Fi 17-il Stat Membru, l-identifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet li jistgħu jipprovdu servizzi ta' appoġġ f'reġjuni

transfruntiera, inklużi tfittxijiet għal impjeg, tlestiet jew tinsab fil-proċess. Madankollu, biex iżommu konformità mar-Regolament, ċerti Stati Membri jridu jtejbu l-appoġġ ipprovdut għas-sejbien ta' impjeg barra l-pajjiż, inkluż billi jifhem l-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol biex jinkludu assistenza għat-tfittix ta' impjeg għas-sejbien ta' impjegi barra l-pajjiż u l-għoti ta' permess lil persuni li mhumiex ċittadini tal-pajjiż biex jużaw is-servizz.

F'kull Stat Membru, **il-persunal tal-EURES li jimmaniġġja l-każijiet ikollu aċċess sħiħ għall-portal tal-EURES**, inkluż għal postijiet battala tax-xogħol u għal CVs, wara l-validazzjoni tal-NCO. Dan jirċievi wkoll informazzjoni u dokumenti ta' gwida dwar l-immaniġġjar tal-proċeduri, b'enfasi speċifika fuq il-kwistjoni ta' protezzjoni tad-*data* tas-CVs, li Stat Membru minnhom jirrapporta li ser ikunu inklużi fit-taħriġ tal-konsulenti tal-EURES.

### 3.5.3. Sfidi

Ma ġiet irrapportata ebda sfida speċifika mill-Istati Membri b'rabta ma' dan is-sett ta' rekwiżiti.

VI. Info exchange, programming, performance measurement	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LV	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	UK	CH	IS	LI	NO	
Action 1: Exchange of information	V	-	X	Δ	-	-	V	V	Δ	V	-	Δ	Δ	Δ	-	Δ	-	Δ	Δ	Δ	V	Δ	Δ	Δ	Δ	Δ	X	V	X	-	-	Δ	
Action 2: Compliance with templates for the exchange of information on national work programmes (Art. 31)	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V
Action 3: Compliance with uniform specification for data collection for monitoring and evaluation of the EURES network (Art. 32)	V	-	V	Δ	-	-	V	V	Δ	V	-	V	V	Δ	-	V	-	V	Δ	V	V	V	Δ	X	V	Δ	V	V	X	-	-	Δ	

## 3.6. Skambju ta' informazzjoni, programmazzjoni u kejl tal-prestazzjoni

### 3.6.1. Rekwiżiti tar-Regolament

**L-iskambju ta' informazzjoni** fi ħdan in-netwerk tal-EURES dwar l-attivitajiet, l-istrategġji u l-avvenimenti hu l-bażi tal-**kooperazzjoni fi ħdan u bejn il-pajjiżi**, u mal-Kummissjoni Ewropea. Il-koordinazzjoni fi ħdan in-netwerk tal-EURES hi sostnuta minn skambji ta' informazzjoni bejn il-persunal u l-korpi rilevanti fi ħdan kull Stat Membru u ftehimiet ta' kooperazzjoni interna xierqa. Hemm fis-seħħ **mekkaniżmi ta' koordinazzjoni** speċifiċi għal kull kuntest nazzjonali biex tinġabar u tiġi rapportata l-informazzjoni meħtieġa mir-Regolament lill-NCO.

### 3.6.2. Implementazzjoni

F'diversi Stati Membri, ġew żviluppatti **mudell jew għodda online** biex il-partijiet kollha involuti jkun jistgħu jissodisfaw id-dmirijiet ta' rapportar tagħhom aktar faċilment. Ta' min isemmi li l-isforzi ta' koordinazzjoni wasslu għal intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-persunal tal-EURES u s-servizzi tal-impjegaturi tal-PES f'diversi Stati Membri. F'termini tal-koordinazzjoni rigward dak li twettaq għar-Regolament, ġew organizzati **avvenimenti regolari u laqgħat konġunt** mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livell nazzjonali, inklużi fora tan-negozji u avvenimenti għall-impjegaturi. Biex jinġieb aktar għarfien espert fin-netwerk, f'ċerti Stati Membri s-sħab jiddaħħlu mill-PES, eż. permezz ta' apprendistati u ta' traineeships.

L-oqsma li fihom l-Istati Membri jwettqu sforzi biex jistabbilixxu skambji ta' informazzjoni jestendu għal **nuqqasijiet u għal eċċessi fis-swieq tax-xogħol nazzjonali u settorjali** - u issa huma indirizzati minn 22 Stat Membru. Bħala riżultat ta' dan il-ġbir ta' *data*, ħafna mill-Istati Membri qed jikkontribwixxu għal analiżi konġunta tas-suq tax-

xogħol għall-EURES, kif ukoll itejbu l-programmazzjoni tal-attivitajiet u l-kooperazzjoni mmirata bejn il-pajjiżi.

Il-prestazzjoni ġenerali tal-EURES titkejjel permezz tal-PMS, li għaliha l-ECO ħoloq għodda ta' rapportar li hi maqsuma mal-NCOs kollha. Fid-dawl tar-rapportar diliġenti, diversi Stati Membri stabbilixxew il-proċeduri nazzjonali tagħhom stess għall-ġbir tad-*data*. Barra minn hekk, ir-Regolament jeħtieġ li l-NCOs jirrapportaw id-diskrepanzi bejn in-numru ta' postijiet battala tax-xogħol trasferiti fil-portal tal-EURES u n-numru ta' postijiet battala tax-xogħol disponibbli pubblikament għall-PES, kif ukoll għall-Membri u għas-Sħab, flimkien ma' kwalunkwe differenza bejn in-numru ta' postijiet battala tax-xogħol trasferiti fuq il-portal tal-EURES u n-numru totali ta' postijiet battala tax-xogħol fil-livell nazzjonali. F'dan il-każ tal-aħħar, diversi pajjiżi jirrapportaw li m'għandhomx aċċess għal *data* dwar il-postijiet battala tax-xogħol f'livell nazzjonali, għaliex din ma tinġabarx.

B'rabta maċ-ċiklu ta' **programmazzjoni**, it-titjib tal-eżerċizzju u tal-mudelli ta' evalwazzjoni bejn il-pari li fihom l-Istati Membri jistgħu jaraw u jikkumentaw fuq il-programm ta' ħidma ta' xulxin għas-sena li jmiss hu mistenni li ser itejjeb ħafna l-kooperazzjoni fi ħdan in-netwerk.

### 3.6.3. *Sfidi*

L-Istati Membri jirrapportaw **problemi fil-ġbir u fir-rapportar ta' data** kemm għall-PMS kif ukoll għaċ-ċiklu ta' programmazzjoni, u jissuġġerixxu punti fejn jista' jsir titjib. B'mod ġenerali, is-simplifikazzjoni tal-metodi ta' ġbir tad-*data* kollha hi maħsuba li se tħaffef il-piż tar-rapportar għall-NCOs. Filwaqt li numru ta' Stati Membri bħalissa ma jsib ebda diffikultà, oħrajn iqisu l-obbligi ta' rapportar impenjattivi. Pereżempju, mhux l-Istati Membri kollha bħalissa għandhom aċċess għad-*data* meħtieġa biex jirrapportaw fuq kull indikatur tal-PMS. Hu maħsub li **għodda ta' rapportar online** li tippermetti estrazzjonijiet awtomatizzati tad-*data* marbuta mas-sistema tal-PES tkun tillimita l-iżbalji li jseħħu permezz tar-rapportar manwali. **Gwida ulterjuri** dwar kif tuża u tqabbel id-diversi sorsi tad-*data*, bħall-Eurostat, id-*data* tal-PES, l-istatistiki nazzjonali, id-*data* estratta mis-sistemi tal-IT, u rapporti minn pajjiżi oħra, hi meħtieġa wkoll biex tittejjeb il-kwalità tar-rapportar tad-*data*.

Sfida importanti biex tinkiseb ħarsa sħiħa lejn il-prestazzjoni tal-EURES hi l-**ġbir ta' data dwar il-kollokamenti f'impjieg** permezz tan-netwerk tal-EURES<sup>38</sup>. Sal-2017, in-numru ta' kollokamenti kien jiġi rrapportat mill-konsulenti tal-EURES fuq bażi volontarja (madwar 50-60% tar-rapportar kollu). Barra minn hekk, il-konsulenti tal-EURES ma jiġux informati b'mod sistematiku dwar il-kollokamenti mill-persuni li qed ifittxu impjieg jew mill-impjegaturi.

## 4. IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT MILL-KUMMISSJONI EWROPEA

Din it-taqsimha tipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali tal-applikazzjoni **fil-livell tal-UE** tar-Regolament dwar il-EURES kif meħtieġ mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament, kif spjegat fil-qosor fil-lista ta' kontroll tal-konformità ppreżentata hawn taħt.

---

<sup>38</sup> Dan il-punt ħareġ ukoll fir-Rapport Speċjali Nru 6 (2018) tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, aċċessibbli fuq: <http://publications.europa.eu/webpub/eca/special-reports/eu-labour-mobility-6-2018/mt/>.

#### 4.1.1. Rekwiżiti tar-Regolament

Oqsma tal-attivitajiet tal-ECO	Status
It-twertiq ta' attivitajiet ta' appoġġ orizzontali għall-benefiċċju tan-netwerk tal-EURES	V
<i>It-tnejn għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-EURES</i>	V
<i>L-iffaċilitar tal-bini ta' networks, tat-tagħlim reċiproku u tal-iskambju tal-aħjar prattiki (l-Artikolu 8)</i>	V
<i>Attivitajiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni rigward in-netwerk tal-EURES (Artikoli 1 – 8)</i>	Δ
<i>Il-provvista ta' programm ta' taħriġ għall-membri/għas-sħab tal-EURES tal-NCOs (l-Artikolu 8)</i>	V
<i>Appoġġ għat-twessigħ tan-netwerk u tas-sistemi ta' ammissjoni (Artikoli 3 – 7 – 11)</i>	V
Ċiklu ta' programmazzjoni u skambju ta' informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol inkluża analiżi konġunta	V
L-iżvilupp u l-operar tal-Portal tal-EURES (inkluża funzjoni tal-helpdesk) u tal-pjattaforma tal-interoperabilità (inkluż għal apprendistati u għal traineeships)	Δ
Il-kejl tal-prestazzjoni u l-monitoraġġ tal-progress	V
Il-ġestjoni u d-djalogu fil-livell tal-UE	V

#### 4.1.2. Implementazzjoni

L-ECO wettaq l-attivitajiet preparatorji u ta' akkumpanjament kollha relatati mar-Regolament il-ġdid dwar il-EURES u pprova **gwida għall-implimentazzjoni** lill-organizzazzjonijiet tal-EURES fil-livell nazzjonali, eż. f'termini ta' taħriġ, ta' avvenimenti ta' tagħlim reċiproku, eċċ. Wettaq l-attivitajiet neċessarji kollha għall-istabbiliment tas-**sistema** l-ġdida **għall-iskambju tad-data**.

Jinsab fi triqta li jkompli **jtejjeb l-utilità u l-karatteristiċi tal-Extranet tal-EURES** u jiddedika r-riżorsi biex jasal biex jiffaċilita n-netwerk permezz ta' avvenimenti u ta' sessjonijiet ta' ħidma kif ukoll bl-iżvilupp ta' għodod tal-komunikazzjoni tal-EURES.

F'termini tal-attivitajiet ta' **taħriġ tal-persunal**, l-ECO nieda bis-sħiħ l-Akkademja tal-EURES tiegħu kif ukoll programmi ta' taħriġ għal partijiet ikkonċernati esterni u ċentrali.

Għat-twaqqif taċ-ċiklu ta' monitoraġġ tal-EURES, twettqet il-**formalizzazzjoni tal-mudelli ta' rapportar** u tal-**analiżijiet konġunti**. F'dak ir-rigward, l-ECO għadu qed jaħdem fuq approċċ koerenti lejn informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol għall-fini tal-EURES. Il-PMS ġiet installata bis-sħiħ u se tipprovdi riżultati operazzjonali fis-sena ta' rapportar 2018. It-tnedija tal-metodi ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ tal-PMS għadha trid titlesta.

Finalment, l-ECO wettaq il-proġett tiegħu li jipprovdi **helpdesk ċentralizzat** fuq il-Portal tal-EURES.

#### 4.1.3. Sfidi

Fir-rigward ta' qafas fit-tul għat-tagħlim reċiproku u għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-proċeduri ta' ammissjoni tal-Membri u tas-Sħab tal-EURES, l-ECO jagħraf li dan għadu fil-proċess.

### 5. KONKLUŻJONJET U RAKKOMANDAZZJONJET

#### 5.1. Konklużjonijiet

Ir-riforma ambizzjuża tal-EURES stabbilita fir-Regolament dwar il-EURES, li daħal fis-seħħ fit-12 ta' Mejju 2016, waslet biex titlesta hekk kif l-iskadenza għall-implimentazzjoni għaddiet f'Mejju 2018. Il-proċess ta' implimentazzjoni seħħ f'ambjent impenjattiv affettwat minn numru ta' fatturi esterni bħal tibdiliet fl-appoġġ finazjarju disponibbli għall-attivitajiet nazzjonali u fir-rekwiżiti l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-*data*. Minkejja dan, ħafna mill-obbligi, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll nazzjonali, ġew issodisfati jew jinsabu sew fi triqithom li jiġu ssodisfati. Il-lista li ġejja turi xi eżempji tal-kisbiet li saru fil-perjodu ta' rapportar:

- Il-qafas legali sħiħ ġie implimentat bl-adozzjoni tas-sitt deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni skont ir-Regolament dwar il-EURES;
- L-Istati Membri kollha nnominaw NCO u ħatru PES bħala Membri tal-EURES;
- Il-EURES diġà qed jaġixxi bħala netwerk aktar dinamiku b'numru akbar ta' atturi, ta' attivitajiet u ta' servizzi u permezz ta' komunikazzjoni msaħħa, inkluż fuq il-midja soċjali;
- It-tranżizzjoni lejn sistema ġdida għall-iskambju tad-*data* għall-postijiet battala tax-xogħol u għas-CVs wara d-definizzjoni ta' formats u ta' standards ġodda qabdet il-pass sew;
- Il-EURES ħa r-rwol tiegħu bħala ċentru ta' għarfien espert dwar il-mobilità fis-suq tax-xogħol u laboratorju għal proġetti innovattivi dwar il-mobilità (skemi mmirati tal-mobilità);
- Il-portal tal-EURES għadu għodda Ewropea effettiva għall-kollokament;
- Id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-monitoraġġ u r-rapportar fir-Regolament huma implimentati u se jippermettu li jsir rapportar aktar komplut u konsistenti dwar l-attivitajiet tal-EURES, inkluż dwar il-kollokamenti fil-ġejjieni

Madankollu, għad hemm numru ta' sfidi x'jiġu indirizzati kemm f'perspettiva ta' terminu qasir kif ukoll fit-tul. Biex l-estensjoni tan-netwerk għal Membri u għal Sħab ġodda ssir realtà, l-Istati Membri kollha jridu jdaħħlu fis-seħħ sistemi ta' ammissjoni effettivi u trasparenti u jaqsmu informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet ammessi fi ħdan in-netwerk. Is-sistema għall-iskambju ta' postijiet battala tax-xogħol u ta' CVs trid tiġi implimentata bis-sħiħ mill-Istati Membri kollha filwaqt li jiġi żgurati li l-postijiet battala tax-xogħol u s-CVs rilevanti kollha jintbagħtu fil-Portal tal-EURES b'mod puntwali u filwaqt li jkunu ssodisfati standards komuni dwar il-kwalità. F'perspettiva ta' terminu itwal, ser ikun hemm bżonn ukoll li jiġu żgurati sinerġiji xierqa ma' inizjattivi simili jew komplimentari bħall-Europass 2 u l-Portal Diġitali Uniku.

Dawn l-isfidi jiġu indirizzati flimkien mat-twaqqif tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), proposta mill-Kummissjoni f'Marzu 2018 u li kien hemm qbil provviżorju dwarha kemm mill-Parlament Ewropew u kemm mill-Kunsill fi Frar 2019. Fit-terminu l-

medju, l-attivitajiet ta' koordinazzjoni tal-EURES fil-fatt se jkunu r-responsabilità tal-ELA li għandha tilħaq il-kapaċità sħiħa tagħha sal-2024. Dan jinkiseb billi l-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni (ECO) tal-EURES jiġi ttrasferit formalment lill-ELA.

Taħt ir-responsabbiltà tal-ELA, l-ECO se jsaħħaħ ir-rwol tal-EURES fil-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ta' mobilità ġusta. Hekk jibbenefika minn struttura operazzjonali komprensiva ddedikata għall-mobilità tal-forza tax-xogħol fl-UE u minn għarfien espert speċjalizzat f'oqsma differenti li jista' jipprova ideat dwar sfidi oħra li għandhom jiġu indirizzati, jew dwar approċċi u għodod għal politika innovattiva. Min-naħa tiegħu l-ECO jikkontribwixxi jgħin lill-Awtorità tiffunzjona permezz tal-għarfien espert, in-network u l-għodod tiegħu.

Dan it-trasferiment mhu se jkollu ebda impatt fuq kif jopera n-network fost il-pubbliku ġenerali.

## **5.2. Rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri għall-perjodu ta' rapportar li jmiss**

It-tħassib prijoritarju kurrenti tal-Istati Membri għall-perjodu ta' rapportar li jmiss jinkludi **l-iskemi ta' finanzjament, id-djalogu u l-kooperazzjoni, l-attivitajiet diġitali, l-iskambju ta' informazzjoni u l-metodi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni.**

Għall-funzjonament tan-network tal-EURES u għar-riforma kif imnedija fl-2016, hu ta' importanza kbira li **l-Istati Membri jipprova r-riżorsi umani u tal-ICT neċessarji kollha lill-NCOs** biex iwettqu dmirijietom, kif ukoll li l-NCOs kollha jikkonformaw mal-perjodi ta' **traspożizzjoni u ta' implimentazzjoni** stipulati mir-Regolament filwaqt li **jissodisfaw id-dati maqbula dwar is-sottomissjoni** tal-eżerċizzji ta' rapportar, ta' monitoraġġ u ta' eżerċizzji komuni oħra tan-network.

**Rieżami u integrazzjoni aħjar tal-iskemi tal-mobilità relatati mal-EURES mill-Istati Membri**, kemm f'termini tal-mekkaniżmu ta' finanzjament kif ukoll tal-programmazzjoni u tar-rapportar konġunt, ikunu ta' benefiċċju għan-network sħiħ tal-EURES u jtejbju l-perċezzjoni tal-persunal tal-EURES li jwettaq kompiti amministrattivi. Barra minn hekk, **l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet u tal-eċċessi ta' ħaddiema f'pajjiżi membri oħra tal-EURES** hi mod importanti kif jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' reklutaġġ konġunti fi ħdan in-network. It-titjib hu possibbli permezz tas-simplifikazzjoni tal-attivitajiet u permezz tal-kooperazzjoni msaħħa bejn il-pajjiżi b'nuqqasijiet u b'eċċessi komplimentari ta' ħaddiema.

Ċerti NCOs indikaw li huma, skont l-arranġamenti kurrenti, **ma jistgħux jiggarrantixxu bis-sħiħ il-kwalità tas-CVs u tal-postijiet battala tax-xogħol** li huma trazzmessi minn Membri u minn Sħab ġodda tal-EURES. Għaldaqstant, l-NCOs għandhom jadattaw is-sistemi tal-IT nazzjonali tagħhom aktar malajr u jaqblu fuq ċerti standards tal-kwalità biex **itejbu t-trasferiment tad-data** fid-dawl tar-rekwiżiti kollha tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data. L-Istati Membri għandhom jisfruttaw ukoll il-potenzjal sħiħ tad-data relatata mal-EURES biex itejbu u jikkomplimentaw is-servizzi nazzjonali tagħhom, eż. permezz ta' **użu aktar estensiv tal-APIs tal-EURES.**

It-twessigħ tan-network tal-EURES irid jitrawwem mill-NCOs li jadottaw sistemi ta' ammissjoni xierqa u li jistabbilixxu kodiċi komuni tal-kondotta biex iżidu l-ispettru kurrenti tal-Membri u tas-Sħab tal-EURES. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom **isaħħu l-kooperazzjoni** fi ħdan in-network tal-EURES (eż. ma' NCOs oħra, ma' CBPs, ma' skemi mmirati tal-mobilità) u jkompli jikkomunikaw ma' spettru wiesa' ta' partijiet



ikkonċernati tal-EURES bħas-sħab soċjali, il-fornituri tat-taħriġ u tal-edukazzjoni, u networks oħra tal-UE ta' informazzjoni u tas-servizzi.

L-Istati Membri huma mħeġġa **jagħmlu użu sħiħ minn għodod u minn linji gwida dwar ir-relazzjonijiet u l-komunikazzjoni mal-pubbliku** pprovduti mil-livell Ewropew u biex jintegraw l-attivitajiet ta' komunikazzjoni interna u esterna tagħhom dwar il-EURES.

### **5.3. L-azzjonijiet li għandhom jitmexxew 'il quddiem mill-Kummissjoni Ewropea**


It-tnedija sħiħa u l-analiżi sussegwenti tas-Sistema ta' Kejl tal-Prestazzjoni u l-iżvilupp ta' **karatteristiċi avvanzati** ulterjuri **fuq il-Portal tal-EURES** ser ikunu oqsma importanti ta' azzjoni għall-ECO matul il-perjodu ta' rapportar li jmiss. L-ECO għandu jkompli jipprovi **gwida u pariri** lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament u jiddiskuti l-mezzi li bihom jistgħu jinstabu soluzzjonijiet għas-sitwazzjonijiet speċifiċi jew għall-arranġamenti amministrattivi tal-Istati Membri. Dan jista' jinvolvi l-provvista ta' verżjonijiet aktar **faċli għall-utenti** tal-Extranet tal-EURES u tal-mudelli ta' rapportar. Dawn tal-aħħar jistgħu pereżempju jinkludu entrati predefiniti u taqsimiet b'listi li jinżlu bbażati fuq indikaturi tal-PMS. Dan ikun jiżgura konsistenza u jnaqqas il-piż amministrattiv għall-NCOs, filwaqt li jiffaċilita l-estrazzjoni u l-analiżi tad-*data*.

L-**allinjament tas-sistemi ta' ammissjoni u l-provvista ta' materjal ta' gwida** għandhom jinżammu bħala prijorità għall-ECO matul il-perjodu ta' rapportar li jmiss. L-NCOs jisħqu fuq l-**apprezzament tagħhom tal-kooperazzjoni mal-ECO**, speċjalment fl-abbozzar ta' dokumenti komuni u f'avvenimenti ta' taġlim reċiproku u jappellaw biex dawn il-prattiki tajbin jitkomplew. Madankollu, l-ECO hu mistenni jipprovi aktar appoġġ lill-NCOs fl-ippopolarizzar tal-isem EURES fost il-persuni li qed ifittxu impjieg u l-impjegaturi f'livell nazzjonali. Dan jista' jinkiseb bl-istabbiliment mill-ġdid tal-**grupp ta' ħidma dwar l-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni** għall-NCOs biex jiskambjaw l-aħjar Prattiki. Punt ieħor tal-iżvilupp hu s-**sinerġiji** u t-tnaqqs tat-trikkib ma' inizjattivi oħra tal-Kummissjoni u ma' networks tal-UE f'oqsma relatati, b'mod partikolari l-EUROPASS2 u l-Portal Diġitali Uniku.

L-**integrazzjoni ta' attivitajiet transfruntiera u ta' informazzjoni sistematika dwar l-attivitajiet** fil-qafas tas-CBPs tkun utli għall-iskambju tal-aħjar Prattiki u għall-analiżijiet tas-suq tax-xogħol f'reġjuni fil-fruntieri. B'mod ġenerali, għad hemm **nuqqas ta' skambju sistematiku ta' informazzjoni** fuq diversi aspetti tal-operazzjonijiet tas-CBP, li qed jiġi indirizzat permezz tal-iżvilupp tal-iskedi informattivi tas-CBP. Linji gwida dwar kif l-aħjar li s-CBPs jiġu inklużi fin-netwerk tal-EURES u fil-PMS ikunu jsaħħu b'mod sinifikanti l-kwalità tal-monitoraġġ u tal-iskambji tad-*data*.


## ANNEX – ILLUSTRAZZJONIJIET RILEVANTI

*Illustrazzjoni 1 – In-numru ta' konsulenti tal-EURES għal kull 100,000 resident b'età tax-xogħol (20-64) fl-2017*



Sors: Portal tal-EURES – Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku 2017

*Illustrazzjoni 2 – In-numru ta' konsulenti tal-EURES u ta' persunal simili fil-livell tal-UE fl-2017*



Sors: ECO – Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku 2017

Tabella 1 – Persuni li qed ifittxu impjieg reġistrati fuq il-portal tal-EURES

<i>Pajjiż ta' residenza tal-EURES</i>	<i>Persuni li qed ifittxu impjieg awtoregistrati fuq il-portal tal-EURES (l-ewwel semestru 2018)</i>
AT	2,937*
BE	6,628
BG	8,028
CY	1,372*
CZ	3,958*
DE	12,453
DK	1,491*
EE	1,549*
EL	1,342
ES	60,846
FI	5,257
FR	17,510
HR	14,858
HU	6,776
IE	2,043*
IS	401*
IT	71,476
LI	4*
LT	2,688*
LU	703*
LV	1,649*
MT	685*
NL	4,750
LE	2,113*
PL	14,663
PT	17,250
RO	17,159
SE	3,959*
SI	4,156*
SK	1,279*
UK	8,532

Sors:

Rapport tas-Sistema ta' Kejl tal-Prestazzjoni tal-EURES, l-ewwel semestru 2018 u l-portal tal-EURES (jekk segwit b'\*)

*Illustrazzjoni 3 – Il-pajjiżi li jibagħtu l-aktar (b'ammont ta' flussi 'l barra jew ta' ċittadini li jisboq il-50,000) u tibdiliet meta mqabbla mal-2014*

<i>Pajjiż ta' residenza</i>	<i>Fluss 'il barra ta' ċittadini (il-pajjiżi li jibagħtu l-aktar)</i>
RO	157 (+11%)
PL	123 (-16%)
UK	105 (-9%)
DE	79 (-6%)
IT	75 (+14%)
ES	69 (+19%)

*Sors: Rapport Annwali tal-2017 dwar il-Mobilità tal-Forza tax-Xogħol fi ħdan l-UE*

*Illustrazzjoni 4 – Kompożizzjoni tal-mobilità intra-UE skont it-tipi differenti, ċittadini tal-UE-28 fl-UE-28, 2016*

<i>Tip ta' mobilità</i>	<i>Firxa</i>
<b>Ċittadini li biddlu l-pajjiż għal żmien twil fl-UE-28 b'età tax-xogħol (20-64 sena) li jgħixu fl-UE-28 (figuri dwar id-demografija tal-Eurostat)</b>	11.8 miljun
<i>(bħala sehem mill-popolazzjoni totali bl-età tax-xogħol fl-UE-28<sup>39</sup>)</i>	3.9%
<b>Iċ-ċittadini tal-UE-28 li biddlu l-pajjiż u li għandhom età tax-xogħol fl-UE-28** (figuri tal-UE-LFS)</b>	11-il miljun
<b>...li minnhom huma <b>ċittadini attivi tal-UE-28 li biddlu l-pajjiż</b> (impjegati jew qed ifittxu xogħol)</b>	9.1 miljun
<i>(bħala sehem mill-forza tax-xogħol totali fl-UE-28)</i>	4%
<b>Ħaddiema transfruntiera (20-64 sena)</b>	1.4 miljun
<i>(bħala sehem mit-total ta' persuni impjegati fl-UE-28)</i>	0.6%
<b>Numru ta' stazzjonamenti<sup>40</sup> (ta' impjegati u ta' ħaddiema għal rashom), (nru ta' PDs A1)</b>	2.3 miljun
<b>Mobilità annwali ta' ritorn (20-64 sena) (2015)</b>	614,453


<sup>39</sup> Il-popolazzjoni totali bl-età tax-xogħol fl-UE-28 fl-2016 kienet ta' 305,883,690.

<sup>40</sup> In-numru jindika n-numru totali ta' PDs A1 maħruġa mill-Istati Membri tal-UE-28 b'riferiment għar-Regolament 883/2004. Il-PDs A1 jinħarġu għal persuni assigurati fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru tal-impjieg (temporanju). In-numru ta' PDs A1 mhux bilfors ikun daqs in-numru ta' ħaddiema kollokati. In-numru totali ta' PDs A1 fl-2016 kien ta' madwar żewġ miljuni, li jinkludu 1.6 miljuni skont l-Artikolu 12 (dwar l-istazzjonar ta' impjegati u ta' ħaddiema għal rashom) kif ukoll il-persuni attivi f'żewġ Stati Membri jew aktar skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 (620,185 PD A1) u għal kategoriji oħra (44,538 PD A1). Kun af li jeżistu differenzi fid-definizzjoni ta' "stazzjonar" bejn ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament 96/71/KE (Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema).

<i>Tip ta' mobilità</i>	<i>Firxa</i>
<i>(bħala sehem miċ-ċittadini tal-EU-28 li telqu mill-pajjiż tal-orìgini tagħhom fl-2014</i>	55%

*Sors: Rapport Annwali tal-2017 dwar il-Mobilità tal-Forza tax-Xogħol fi ħdan l-UE*

*Illustrazzjoni 5 – L-impjieg ta' ċittadini tal-UE-28 li dan l-aħħar biddlu l-pajjiż u ta' ċittadini skont is-settur, livell aggregat tal-UE-28, 2016*



*Sors: Rapport Annwali tal-2017 dwar il-Mobilità tal-Forza tax-Xogħol fi ħdan l-UE; UE-LFS 2016, Kalkolu tal-milieu*

*Illustrazzjoni 6 – Status fir-rigward tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri għall-iskambju ta' postijiet battala tax-xogħol (Ġunju 2018)*

<b>JV exchange functioning</b>	<b>JV exchange functioning</b>	<b>Implementation planned</b>	<b>No information available</b>
<ul style="list-style-type: none"> <li>• Belgium Actiris</li> <li>• Belgium VDAB</li> <li>• Bulgaria</li> <li>• Cyprus</li> <li>• Czech Republic</li> <li>• Denmark</li> <li>• Estonia</li> <li>• France</li> <li>• Germany</li> <li>• Greece</li> <li>• Luxembourg</li> <li>• Poland</li> <li>• Slovenia</li> <li>• UK</li> <li>• Hungary</li> <li>• Italy</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Ireland</li> <li>• Croatia</li> <li>• Netherlands</li> <li>• UK Northern Ireland</li> <li>• Slovakia</li> <li>• Austria</li> <li>• Switzerland</li> <li>• Finland</li> <li>• Malta</li> <li>• Spain Sweden</li> <li>• Portugal</li> <li>• Iceland</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Norway</li> <li>• Lithuania</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Belgium Forem</li> <li>• Latvia</li> </ul>

*Illustrazzjoni 7 – Status fir-rigward tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri għall-iskambju ta' CVs (Ġunju 2018)*

CV exchange functioning	Implementation planned	No information available
<ul style="list-style-type: none"> <li>• Czech Republic</li> <li>• Denmark</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Romania</li> <li>• Greece</li> <li>• Cyprus</li> <li>• Ireland</li> <li>• Malta</li> <li>• Lithuania</li> <li>• Luxemburg</li> <li>• Switzerland</li> <li>• Bulgaria</li> <li>• Germany</li> <li>• Estonia</li> <li>• Lithuania</li> <li>• Norway</li> <li>• Slovenia</li> <li>• Belgium Actiris</li> <li>• Belgium VDAB</li> <li>• Spain</li> <li>• Hungary</li> <li>• Slovakia</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Poland</li> <li>• Austria</li> <li>• Belgium Forem</li> <li>• Croatia</li> <li>• Finland</li> <li>• France</li> <li>• Iceland</li> <li>• Italy</li> <li>• Latvia</li> <li>• Sweden</li> <li>• Netherlands</li> <li>• UK</li> <li>• UK(NI)</li> </ul>